# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 297

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

15 ta' Ottubru 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*


REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1078/2014 tas-7 ta' Awwissu 2014 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi** ([1]) ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1079/2014 tal-14 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi r-rati tal-imgħax li jridu jintużaw biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż għall-finanzjament tal-miżuri ta' intervent, li jikkonsistu fix-xiri, il-ħżin u r-rimi tal-ħażniet għas-sena fiskali tal-2015 tal-FAEG** ..... 7

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1080/2014 tal-14 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 9

DEĊIŻJONIJIET

2014/714/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2014 biex tirtira minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* r-referenza tal-istandard armonizzat EN 1384:2012 "Elmi għall-irkib taż-żwiemel" skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2014) 7236)* ..... 11

2014/715/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2014 li tidentifika pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li huwa pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat** ..... 13


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI


★ **Ir-Regolament Nru 60 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' muturi b'żewġ roti u mopeds b'żewġ roti fir-rigward ta' kontrolli mħaddma mis-sewwieq inkluż l-identifikazzjoni tal-kontrolli, sinjalaturi u indikaturi** ..... 23


**Rettifika**


★ **Rettifika tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/24/PESK tal-20 ta' Jannar 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja** (ĠU L 16, 21.1.2014) ..... 41

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 699/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar it-tfassil tal-logo komuni li jidentifika l-persuni li joffru prodotti mediċinali lill-pubbliku għall-bejgħ mill-bogħod, u dwar ir-rekwiżiti tekniċi, elettroniċi u kriptografiċi għall-verifika tal-awtentiċità tiegħu** (ĠU L 184, 25.6.2014) ..... 41

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1078/2014

**tas-7 ta' Awwissu 2014**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (il-"proċedura PIC"), iffirmata fil-11 ta' Settembru 1998 u approvata, f'isem il-Komunità, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/106/KE ([2]).

(2) Huwa xieraq li titqies l-azzjoni regolatorja fir-rigward ta' ċerti sustanzi kimiċi meħuda skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(3) L-approvazzjoni tas-sustanza bitertanol ġiet irtirata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, bl-effett li l-użu tal-bitertanol bħala pestiċida ġie pprojbit u għalhekk din is-sustanza għandha tiżdied mal-lista tas-sustanzi kimiċi li hemm fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(4) Is-sustanzi ċieksatina u ażoċiklotina ma ġewx approvati bħala sustanzi attivi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, bl-effett li dawk is-sustanzi attivi huma pprojbiti għall-użu bħala pestiċidi u għalhekk għandhom jiżdiedu mal-listi ta' sustanzi kimiċi li hemm fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/106/KE tad-19 ta' Diċembru 2002 li tikkonċerna l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kemikali u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 63, 6.3.2003, p. 27).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).
([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

(5) Is-sustanzi ċinidon-etil, ċiklanilid, etoksisulfuron u oksadiargil ma għadhomx approvati bħala sustanzi attivi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, bl-effett li dawk is-sustanzi huma pprojbiti għall-użu bħala pestiċidi u għalhekk għandhom jiżdiedu mal-listi ta' sustanzi kimiċi li hemm fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(6) Is-sustanza rotenon ma ġietx approvata bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, bl-effett li s-sustanza rotenon hija ristretta b'mod sever għall-użu bħala pestiċida minħabba li prattikament kull użu huwa pprojbit minkejja l-fatt li r-rotenon ġiet identifikata u notifikata għall-evalwazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 għall-prodotti tat-tip 17 u għalhekk tista' tibqa' tiġi awtorizzata mill-Istati Membri sakemm tittieħed deċiżjoni skont dak ir-Regolament. Għalhekk, is-sustanza rotenon għandha tiżdied mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(7) L-approvazzjoni tas-sustanza klorur tad-dideċildimetilammonju ġiet irtirata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, bl-effett li hu pprojbit l-użu bħala pestiċida tal-klorur tad-dideċildimetilammonju fil-grupp ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għalhekk din is-sustanza għandha tiżdied mal-lista tas-sustanzi kimiċi li hemm fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(8) Is-sustanzi warfarina u ċiflutrina ma baqgħux approvati bħala sustanzi attivi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, bl-effett li hu pprojbit l-użu bħala pestiċida ta' dawk is-sustanzi kimiċi fil-grupp ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għalhekk dawn is-sustanzi għandhom jiżdiedu mal-lista tas-sustanzi kimiċi li hemm fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(9) Fis-sitt laqgħa tagħha, li saret bejn it-28 ta' April u l-10 ta' Mejju 2013, il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam iddeċidiet li jiġu inklużi l-ażinfos-metil, l-aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan, is-sulfonati tal-perfluworoottan, is-sulfonammidi tal-perfluworoottan u s-sulfonili tal-perfluworoottan fl-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni, bl-effett li dawk is-sustanzi kimiċi saru soġġetti għall-proċedura PIC skont dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, dawk is-sustanzi kimiċi għandhom jitneħħew mil-lista tas-sustanzi kimiċi li hemm fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 u jiżdiedu mal-lista tas-sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Parti 3 ta' dak l-Anness.

(10) Il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam iddeċidiet ukoll li tinkludi l-etere tal-pentabromodifenil kummerċjali, inklużi l-etere tat-tetrabromodifenil u tal-pentabromodifenil, kif ukoll l-etere tal-ottabromodifenil kummerċjali inklużi l-etere tal-eżabromodifenil u tal-ettabromodifenil fl-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni, bl-effett li dawk is-sustanzi kimiċi saru soġġetti għall-proċedura PIC skont dik il-Konvenzjoni. Billi l-etere tat-tetrabromodifenil, l-etere tal-pentabromodifenil, l-etere tal-eżabromodifenil u l-etere tal-ettabromodifenil huma diġà elenkati fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 u għalhekk huma soġġetti għall-projbizzjoni ta' esportazzjoni, dawk is-sustanzi kimiċi ma jiżdidux mal-lista tas-sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(11) L-entrata tal-klorat fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 għandha tiġi emendata sabiex tipprovdi aktar ċarezza fir-rigward ta' liema sustanzi kienu intiżi li jiġu koperti b'dik l-entrata.

(12) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 għandu jiġi emendat skont dan.

(13) Sabiex il-partijiet interessati kollha jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri neċessarji għall-konformità ma' dan ir-Regolament u biex l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tiegħu, l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi ddiferita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 għandu jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa emendat kif ġej:

1. Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrati għall-ażinfos-metil u s-sulfonati tal-perfluworoottan jinbidlu b'dan li ġej:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi tan-NM | Subkateg-orija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Ażinfos-metil (#) | 86-50-0 | 201-676-1 | 2933 99 80 | p(1) | b | |
| Sulfonati tal-perfluwo-roottan<br>(PFOS) C8F17SO2X<br>(X = OH, Melħ tal-metall (O-M+), alid, ammid, u derivattivi oħra li jinkludu l-poli-meri) (+)/(#) | 1763-23-1<br>2795-39-3<br>70225-14-8<br>56773-42-3<br>4151-50-2<br>57589-85-2<br>68081-83-4<br>u oħrajn | 217-179-8<br>220-527-1<br>274-460-8<br>260-375-3<br>223-980-3<br>260-837-4<br>268-357-7 | 2904 90 95<br>2904 90 95<br>2922 12 00<br>2923 90 00<br>2935 00 90<br>2924 29 98<br>3824 90 97 | i(1) | sr" | |

(b) l-entrata għall-klorat tinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi tan-NM | Subkateg-orija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Klorat (+) | 7775-09-9<br>10137-74-3<br>7783-92-8<br>u oħrajn | 231-887-4<br>233-378-2<br>232-034-9 | 2829 11 00<br>2829 19 00<br>2843 29 00 | p(1) | b" | |

(c) għandhom jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi tan-NM | Subkateg-orija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Ażoċiklotina (+) | 41083-11-8 | 255-209-1 | 2933 99 80 | p(1) | b | |
| Bitertanol (+) | 55179-31-2 | 259-513-5 | 2933 99 80 | p(1) | b | |
| Ċinidon-etil (+) | 142891-20-1 | n.a. | 2925 19 95 | p(1) | b | |
| Ċiklanilid (+) | 113136-77-9 | 419-150-7 | 2924 29 98 | p(1) | b | |
| Ċiflutrina | 68359-37-5 | 269-855-7 | 2926 90 95 | p(1) | b | |
| Ċieksatina (+) | 13121-70-5 | 236-049-1 | 2931 90 90 | p(1) | b | |
| Etoksisulfuron (+) | 126801-58-9 | n.a. | 2933 59 95 | p(1) | b | |

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi tan-NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Klorur tad-dideċildimetilammonju | 7173-51-5 | 230-525-2 | 2923 90 00 | p(1) | b | |
| Oksadiarġil (+) | 39807-15-3 | 254-637-6 | 2934 99 90 | p(1) | b | |
| Rotenon (+) | 83-79-4 | 201-501-9 | 2932 99 00 | p(1) | b | |
| Warfarina | 81-81-2 | 201-377-6 | 2932 20 90 | p(1) | b” | |

2. Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għas-sulfonati tal-perfluworoottan tinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi tan-NM | Kategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) |
|---|---|---|---|---|---|
| “Id-derivattivi tas-sulfonati tal-perfluworoottan (inklużi l-polimeri), mhumiex koperti minn<br><br>Aċidu sulfoniku tal-perfluworootan, sulfonati tal-perfluworoottan, sulfonammidi tal-perfluworoottan, sulfonili tal-perfluworoottan | 57589-85-2<br>68081-83-4<br>u oħrajn | 260-837-4<br>268-357-7 | 2924 29 98<br>3824 90 97 | i | sr” |

(b) l-entrata għall-klorat tinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi tan-NM | Kategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) |
|---|---|---|---|---|---|
| “Klorat | 7775-09-9<br>10137-74-3<br>7783-92-8<br>u oħrajn | 231-887-4<br>233-378-2<br>232-034-9 | 2829 11 00<br>2829 19 00<br>2843 29 00 | p | b” |

(c) l-entrata għall-ażinfos-metil titħassar;

(d) għandhom jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi tan-NM | Kategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) |
|---|---|---|---|---|---|
| “Ażoċiklotina | 41083-11-8 | 255-209-1 | 2933 99 80 | p | |
| Bitertanol | 55179-31-2 | 259-513-5 | 2933 99 80 | p | |
| Ċinidon-etil | 142891-20-1 | n.a. | 2925 19 95 | p | |
| Ċiklanilid | 113136-77-9 | 419-150-7 | 2924 29 98 | p | |
| Ċieksatina | 13121-70-5 | 236-049-1 | 2931 90 90 | p | |
| Etoksisulfuron | 126801-58-9 | n.a. | 2933 59 95 | p | |
| Oksadiarġil | 39807-15-3 | 254-637-6 | 2934 99 90 | p | |
| Rotenon | 83-79-4 | 201-501-9 | 2932 99 00 | p” | |

3. Fil-Parti 3 jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| Sustanza kimika | Numru(i) CAS rilevanti | Kodiċi HS Sustanza pura | Kodiċi HS Taħlitiet li jkun fihom is-sustanza | Kategorija |
|---|---|---|---|---|
| "Ażinfos-metil | 86-50-0 | 2933.99 | 3808.10 | Pestiċida |
| Aċidu sulfoniku tal-perfluwo-rootan, sulfonati tal-perfluwo-roottan, sulfonammidi tal-perfluworoottan, sulfonili tal-perfluworoottan | 1763-23-1<br>2795-39-3<br>29457-72-5<br>29081-56-9<br>70225-14-8<br>56773-42-3<br>251099-16-8<br>4151-50-2<br>31506-32-8<br>1691-99-2<br>24448-09-7<br>307-35-7<br>u oħrajn | 2904.90<br>2904.90<br>2904.90<br>2904.90<br>2922.12<br>2923.90<br>2923.90<br>2935.00<br>2935.00<br>2935.00<br>2935.00<br>2904.90 | 3824.90 | Industrijali" |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1079/2014**

**tal-14 ta' Ottubru 2014**

**li jistabbilixxi r-rati tal-imgħax li jridu jintużaw biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż għall-finanzjament tal-miżuri ta' intervent, li jikkonsistu fix-xiri, il-ħżin u r-rimi tal-ħażniet għas-sena fiskali tal-2015 tal-FAEG**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) u (4) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 906/2014 ([2]) jistipula li n-nefqa relatata mal-ispejjeż finanzjarji mġarrba mill-Istati Membri sabiex jimmobilizzaw fondi biex jixtru prodotti, għandha tiġi stabbilita skont il-metodi stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(2) Il-punt I.1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014 jistipula li l-kalkolu tal-ispejjeż finanzjarji kkonċernati jrid isir abbażi ta' rata tal-imgħax li tkun l-istess fl-Unjoni kollha u li tkun stabbilita mill-Kummissjoni fil-bidu ta' kull sena fiskali. Din ir-rata tal-imgħax tikkorrispondi għal medja tar-rati bil-quddiem tal-Euribor għal terminu ta' tliet xhur u ta' 12-il xahar, miġbura matul is-sitt xhur ta' qabel in-notifika mingħand l-Istati Membri stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-punt I.2 ta' dak l-Anness, b'valur ta' terz u żewġ terzi rispettivament.

(3) Barra minn hekk, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-punt I.2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014, jekk Stat Membru ma jibgħat l-ebda notifika, fil-forma u sad-data tal-iskadenza msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dak il-punt, ir-rata tal-imgħax imġarrba minn dak l-Istat Membru għandha titqies bħala 0 %. Jekk Stat Membru jiddikjara li ma ġarrab l-ebda spiża tal-imgħax għax ma kellux prodotti agrikoli fil-ħżin pubbliku matul il-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dik ir-rata tal-imgħax skont it-tielet paragrafu ta' dak il-punt.

(4) Skont il-punt I.3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014, ir-rata tal-imgħax stabbilita abbażi tal-punt I.2 ta' dak l-Anness għandha titqabbel mar-rata ta' imgħax uniformi stabbilita abbażi tal-punt I.1 ta' dak l-Anness. Ir-rata ta' imgħax applikabbli għal kull Stat Membru għandha tkun l-aktar waħda baxxa minn dawn iż-żewġ rati tal-imgħax.

(5) Peress li ma kienx hemm prodotti agrikoli fil-ħżin pubbliku matul is-sitt xhur tal-perjodu ta' referenza, jiġifieri minn Marzu sa Awwissu 2014, l-Istati Membri ma ntalbux jibagħtu notifiki skont l-ewwel paragrafu tal-punt I.2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014.

(6) Ir-rati tal-imgħax applikabbli għas-sena fiskali tal-2015 tal-FAEG għandhom jiġu stabbiliti billi jitqiesu dawk il-fatturi differenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għan-nefqa marbuta mal-ispejjeż ta' finanzjament li ġarrbu l-Istati Membri biex immobilizzaw il-fondi għax-xiri ta' prodotti li għandhom jitħallsu mis-sena fiskali 2015 tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), ir-rati tal-imgħax previsti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 906/2014 skont l-Artikolu 3(1)(a) tal-istess Regolament għandhom ikunu r-rata tal-imgħax uniformi stabbilita ta' 0,4 %.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.
([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 906/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-infiq ta' intervent pubbliku (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Ottubru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1080/2014

## tal-14 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 64,7 |
| | MA | 141,8 |
| | MK | 53,7 |
| | ZZ | 86,7 |
| 0707 00 05 | TR | 158,2 |
| | ZZ | 158,2 |
| 0709 93 10 | TR | 138,6 |
| | ZZ | 138,6 |
| 0805 50 10 | AR | 93,7 |
| | BR | 84,6 |
| | CL | 122,6 |
| | TR | 111,7 |
| | UY | 103,5 |
| | ZA | 108,1 |
| | ZZ | 104,0 |
| 0806 10 10 | BR | 182,5 |
| | MK | 34,4 |
| | TR | 142,4 |
| | ZZ | 119,8 |
| 0808 10 80 | BA | 49,5 |
| | BR | 58,7 |
| | CL | 64,1 |
| | NZ | 143,9 |
| | US | 192,1 |
| | ZA | 119,6 |
| | ZZ | 104,7 |
| 0808 30 90 | CN | 75,7 |
| | TR | 116,3 |
| | ZA | 80,2 |
| | ZZ | 90,7 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-13 ta' Ottubru 2014**

**biex tirtira minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* r-referenza tal-istandard armonizzat EN 1384:2012 "Elmi għall-irkib taż-żwiemel" skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2014) 7236)*

(2014/714/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu

Billi:

(1) Meta standard nazzjonali li jittrasponi standard armonizzat li r-referenza tiegħu tkun ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikopri wieħed jew aktar mir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stipulati fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE ([2]), l-apparat immanifatturat skont dan l-istandard jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti bażiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza kkonċernati.

(2) Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 89/686/KEE, il-Kummissjoni ressqet oġġezzjoni formali kontra l-istandard EN 1384:1996 "Elmi għall-irkib taż-żwiemel", armonizzat skont id-Direttiva 89/686/KEE. Ir-referenza tal-istandard ġiet pubblikata l-ewwel fil-ĠU C 180 tal-14.6.1997, flimkien mal-Emenda A1 ippubblikata fil-ĠU C 190 tal-10.8.2002. Sadanittant, ġiet ippubblikata verżjoni ġdida tal-istandard, EN 1384:2012 mis-CEN li ġiet elenkata fil-ĠU C 395 tal-20.12.2012; fit-30 ta' April 2013, skadiet il-preżunzjoni ta' konformità għall-istandard sorpassat EN 1384:1996.

(3) Il-verżjoni l-ġdida issa hija armonizzata u tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità; madankollu, l-istandard ma nbidilx sostanzjalment. Billi n-nuqqasijiet tal-istandard ma ġewx irrimedjati mill-verżjoni l-ġdida, il-Kummissjoni aġġornat l-oġġezzjoni formali kontra l-istandard EN 1384:2012.

(4) L-oġġezzjoni formali, hija bbażata fuq in-nuqqas tal-istandard li ma jkoprix biżżejjed ir-rekwiżiti bażiċi tas-saħħa u tas-sikurezza li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 89/686/KEE, u juri livell ta' sikurezza anqas meta mqabbel mal-istandards tas-sikurezza ta' elmi oħra (bħall-istandard Snell jew il-PAS 015 għall-elmi għall-irkib taż-żwiemel), b'mod partikolari fir-rigward tal-assorbiment tax-xokk, il-penetrazzjoni tal-qoxra u l-istabbiltà tal-elmu. Wara li eżaminat l-istandard EN 1384:2012 u wara konsultazzjoni mal-esperti, il-Kummissjoni tqis li b'mod partikolari l-oqsma li ġejjin jeħtieġu titjib:

— l-assorbiment tax-xokk: il-parti l-kbira tal-istandards komparabbli jużaw iktar minn inkwina u għandhom livelli ogħla ta' enerġija,

— il-penetrazzjoni tal-qoxra: l-għoli tal-waqgħa tal-massa huwa biss nofs ta' dak meħtieġ fl-istandard Snell,

— l-istabbiltà tal-ġnub: ma hemmx rekwiżiti għall-istabbiltà tal-ġnub, jiġifieri għall-manifattura ta' elmu b'saħħtu biżżejjed li jirreżisti forza kbira mill-ġenb,

— iż-żona ta' protezzjoni: iż-żona tan-nghas teħtieġ li titqies aktar, u l-abbiltà tas-smigħ ma għandhiex tkun affettwata,

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv (ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18).

— l-erja tal-viżjoni: ma hemmx rekwiżiti għall-erja tal-viżjoni, biex tkun żgurata l-viżibbiltà tajba waqt li qed jintrikeb iż-żiemel,

— l-istabbiltà tal-elmu: jista' jiġi inkluż test għall-istabbilta tal-elmu bħal fil-PAS 015 biex jiġi żgurat li l-elmu ma jkunx jista' jiċċaqqlaq fuq ir-ras waqt li qed jintrikeb iż-żiemel.

(5) Filwaqt li jitqiesu l-aspetti tas-sikurezza msemmija hawn fuq li għandhom jiġu mtejba, l-istandard EN 1384:2012 ma jistax jipprovdi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti bażiċi tas-saħħa u s-sikurezza tad-Direttiva 89/686/KEE. B'riżultat ta' dan, ir-referenza tal-istandard EN 1384:2012 għandha tiġi rtirata mill-ĠU.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013. Skont l-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 89/686/KEE huwa mħassar u r-referenzi tad-dispożizzjoni mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenza għall-Artikolu 11 tar-Regolament.

(7) Ġew ikkonsultati l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-partijiet ikkonċernati li jirċievu finanzjament mill-Unjoni u l-grupp ta' ħidma għat-tagħmir personali ta' protezzjoni.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-referenza tal-istandard EN 1384:2012 "Elmi għall-irkib taż-żwiemel" għandha tiġi rtirata minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*
Ferdinando NELLI FEROCI
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-14 ta' Ottubru 2014

## li tidentifika pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li huwa pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

(2014/715/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Billi:

### 1. INTRODUZZJONI

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 (ir-Regolament IUU) jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

(2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament IUU jistabbilixxi l-proċedura fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, proċeduri fir-rigward ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx, it-tneħħija mil-lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx, il-pubbliċità tal-lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx u kwalunkwe miżura ta' emerġenza.

(3) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni Ewropea tista' tidentifika pajjiżi terzi li hija tqis bħala pajjiżi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra sajd IUU. Pajjiż terz jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax jekk jonqos milli jaqdi dawk li huma d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, milli jieħu azzjoni sabiex jipprevjeni, jiskoraġġixxi jew jelimina l-attivitajiet ta' sajd IUU.

(4) L-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx għandha tkun ibbażata fuq l-analiżi tal-informazzjoni kollha kif stabbilit skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament IUU.

(5) B'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, il-Kunsill jista' jistabbilixxi lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU japplikaw għal dawk il-pajjiżi.

(6) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, pajjiżi terzi li huma Stati tal-bandiera huma mitluba biex jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-arranġamenti tagħhom għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom josservaw il-bastimenti tas-sajd tagħhom.

(7) Skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni tikkoopera fuq livell amministrattiv ma' pajjiżi terzi fl-oqsma relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-qbid.

(8) B'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ([2]) (id-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012), il-Kummissjoni nnotifikat tmien pajjiżi terzi dwar il-possibbiltà li jistgħu jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament IUU.

---

([1]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 dwar in-notifika lill-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis bħala possibbli li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU C 354, 17.11.2012, p. 1).

(9) Fid-Deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni inkludiet l-informazzjoni rigward il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali sottostanti għal tali identifikazzjoni preliminari.

(10) Dejjem fil-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni nnotifikat tmien pajjiżi terzi permezz ta' ittri separati dwar il-fatt li kienet qiegħda tikkunsidra l-possibbiltà li tidentifikahom bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx. Id-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ġiet mehmuża ma' dawk l-ittri.

(11) F'dawk l-ittri, il-Kummissjoni enfasizzat li sabiex jiġi evitat li jiġu identifikati u proposti għal elenkar formali bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif stipulat fl-Artikoli 31 u 33 rispettivament tar-Regolament IUU, il-pajjiżi terzi kkonċernati, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, kienu mistiedna jistabbilixu u jimplimentaw, pjan ta' azzjoni li jirrettifika n-nuqqasijiet identifikati fid-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012. Implimentazzjoni fil-ħin u effettiva tal-pjan ta' azzjoni mill-pajjiżi kkonċernati setgħet għenithom jevitaw milli jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx u milli jiġu proposti għall-elenkar finali.

(12) Konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni stiednet it-tmien pajjiżi terzi kkonċernati: (i) biex jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni ssuġġeriti mill-Kummissjoni; (ii) biex jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni ssuġġeriti mill-Kummissjoni; u (iii) biex kull sitt xhur jibagħtu rapporti ddettaljati lill-Kummissjoni li jivvalutaw l-implimentazzjoni ta' kull azzjoni fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-effettività individwali u/jew kumplessiva tagħhom sabiex jiżguraw sistema ta' kontroll tas-sajd li hija konformi b'mod sħiħ.

(13) It-tmien pajjiżi terzi kkonċernati ngħataw l-opportunità biex iwieġbu bil-miktub dwar kwistjonijiet indikati espliċitament fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni kif ukoll dwar informazzjoni rilevanti oħra. Dawk il-pajjiżi ngħatalhom permess jissottomettu evidenza sabiex jiċħdu jew jikkompletaw il-fatti invokati fid-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 jew li jadottaw, kif xieraq, pjan ta' azzjoni għal titjib u l-miżuri meħuda biex is-sitwazzjoni tiġi rratifikata. It-tmien pajjiżi kienu żgurati dwar id-dritt tagħhom li jitolbu, jew jipprovdu informazzjoni addizzjonali.

(14) Għalhekk, permezz tad-Deċiżjoni tagħha u l-ittri tagħha tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni fetħet proċess ta' djalogu ma' tmien pajjiżi terzi u indikat li fil-prinċipju kkunsidrat perjodu ta' sitt xhur bħala suffiċjenti biex jintlaħaq ftehim.

(15) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala meħtieġa. Il-kummenti bil-fomm u miktuba sottomessi min-naħa tat-tmien pajjiżi terzi wara d-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ġew ikkunsidrati u meqjusa. It-tmien pajjiżi nżammu informati, bil-fomm jew bil-miktub, dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(16) Ir-Repubblika Soċjalista Demokratika tas-Sri Lanka (is-Sri Lanka) naqset milli tirribatti l-fatti li ġew invokati mill-Kummissjoni, jew milli timplimenta l-pjan ta' azzjoni biex tirrettifika s-sitwazzjoni.

(17) Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tidentifika s-Sri Lanka bħala pajjiż terz li l-Kummissjoni tikkunsidra bħala li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU hija r-riżultat ta' proċess ta' investigazzjoni u ta' djalogu fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament IUU. Dak il-proċess kien konformi mar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stipulati f'dak ir-Regolament, li jirreferi, *inter alia*, għad-dmir tal-pajjiż terz bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq li jimpedixxi, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU skont il-liġi internazzjonali.

(18) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tidentifika lis-Sri Lanka bħala pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li huwa pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU tinvolvi l-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament IUU.

## 2. **PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAS-SRI LANKA**

(19) Fil-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni nnotifikat lis-Sri Lanka, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, li kienet qed tikkunsidra l-possibbiltà li tidentifika lis-Sri Lanka bħala pajjiż terz li ma jikkooperax ([1]).

(20) Il-Kummissjoni stiednet lis-Sri Lanka biex, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi tagħha, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex jiġu rettifikati n-nuqqasijiet identifikati fid-Deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Novembru 2012.

([1]) Ittra lill-Ministru tas-Sajd u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Akkwatiċi tas-Sri Lanka tal-15 ta' Novembru 2012.

(21) In-nuqqas ewlieni identifikat mill-Kummissjoni fil-pjan ta' azzjoni ssuġġerit kien relatat ma' diversi nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-obbligi tad-dritt internazzjonali, marbuta b'mod partikolari mal-adozzjoni ta' qafas legali adegwat, in-nuqqas ta' sistema ta' monitoraġġ adegwata u effiċjenti, in-nuqqas ta' skema ta' osservatur, in-nuqqas ta' sistema ta' sanzjonijiet ta' deterrent, u n-nuqqas ta' implimentazzjoni korretta tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid. Nuqqasijiet oħra identifikati huma relatati, b'mod aktar ġenerali mal-konformità mal-obbligi internazzjonali inklużi r-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs). Ġie identifikat ukoll nuqqas ta' konformità ma' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet minn korpi rilevanti bħall-Pjan Internazzjonali ta' Azzjoni kontra s-sajd Illegali, Mhux Iddikjarat u Mhux Irregolat tan-Nazzjonijiet Uniti (IPOA-IUU). Madankollu, in-nuqqas ta' konformità ma' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet mhux vinkolanti tqies biss bħala prova ta' sostenn u mhux bħala bażi għall-identifikazzjoni.

(22) Permezz tas-sottomissjoni tagħha tal-14 ta' Diċembru 2012, is-Sri Lanka għarrfet lill-Kummissjoni dwar l-arranġamenti istituzzjonali li ġew imwaqqfa sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fil-pjan ta' azzjoni li ġie ssuġġerit.

(23) Is-Sri Lanka bagħtet kummenti bil-miktub fil-31 ta' Diċembru 2012 u fl-4 ta' Jannar 2013.

(24) Permezz tal-ittra tas-7 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni talbet lis-Sri Lanka biex tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-oqsma ewlenin tal-pjan ta' azzjoni li ġie ssuġġerit.

(25) Fit-13 ta' Marzu 2013, l-awtoritajiet tas-Sri Lanka ippreżentaw id-dokumenti li ġejjin: (i) ittra ta' akkumpanjament u ittra ta' spjegazzjoni; (ii) aġġornament dwar it-twaqqit tas-Sri Lanka fir-rigward tal-miżuri kollha li għandhom jittieħdu; (iii) informazzjoni aġġornata dwar oqsma ewlenin tal-pjan ta' azzjoni ssuġġerit; (iv) il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali 2013 għall-ġlieda kontra s-sajd IUU; (v) aġġornamenti dwar proċeduri amministrattivi u linji gwida għall-użu ta' ċertifikati tal-qbid; (vi) l-allokazzjoni tal-baġit 2013 għat-twaqqif ta' uffiċċju sekondarju tad-Diviżjoni ta' Kontroll tal-Kwalità tad-Dipartiment tas-Sajd u r-Riżorsi Akkwatiċi fl-ajruport; (vii) abbozzi ta' testi għal-leġiżlazzjoni riveduta dwar il-konformità mal-obbligi legali, il-monitoraġġ tal-flotot għal distanzi twal u sanzjonijiet ta' deterrent; (viii) skemi ta' tagħrif għal operaturi li jieħdu sehem fl-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid; (xi) skema ta' spezzjoni u (x) linji gwida għall-proċeduri biex jiġu investigati attivitajiet IUU fl-ibħra internazzjonali.

(26) Fis-17 ta' April 2013 saru konsultazzjonijiet tekniċi bejn il-Kummissjoni u s-Sri Lanka fi Brussell. Matul dik il-laqgħa, l-awtoritajiet tas-Sri Lanka ppreżentaw lill-Kummissjoni l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali reċenti tal-pajjiż għall-ġlieda kontra s-sajd IUU, kif ukoll miżuri ppjanati sabiex tiġi mtejba l-kontroverifika tal-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati tal-qbid u fir-reviżjoni li nbdiet tal-qafas legali.

(27) Permezz tas-sottomissjonijiet tagħha tat-30 ta' Mejju 2013 u tat-3 ta' Ġunju 2013, is-Sri Lanka enfasizzat l-impenn tagħha għal implimentazzjoni f'waqtha ta' pjan direzzjonali, imfassal mis-Sri Lanka, filwaqt li ssir l-adozzjoni tal-emendi leġiżlattivi biex jiġu msaħħa l-miżuri punittivi għas-sajd IUU u jingħata bidu għall-proċess tal-akkwist tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS).

(28) Abbażi tal-progress misjub fil-perjodu ta' bejn Novembru 2012 u l-bidu ta' Ġunju 2013, b'ittra tal-11 ta' Ġunju 2013 il-Kummissjoni għarrfet lis-Sri Lanka li sabiex jinkisbu riżultati tanġibbli li jindirizzaw in-nuqqasijiet imsemmija fid-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u li jikkonkludu l-azzjonijiet meħtieġa, il-Kummissjoni se żżomm djalogu mas-Sri Lanka sat-28 ta' Frar 2014, jiġifieri għal perjodu addizzjonali ta' disa' xhur. Fl-20 ta' Ġunju 2013 sar segwitu għal din l-ittra permezz ta' proposta aġġornata għall-pjan ta' azzjoni mill-Kummissjoni.

(29) Fit-22 ta' Awwissu 2013 is-Sri Lanka bagħtet rapport ta' progress li jkopri l-perjodu mill-31 ta' Mejju 2013 sal-15 ta' Awwissu 2013, li ġie segwit b'sottomissjoni tat-28 ta' Ottubru 2013 li inkludiet informazzjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni għal-leġiżlazzjoni emendata.

(30) Il-Kummissjoni żaret lill-awtoritajiet ikkonċernati tas-Sri Lanka bejn it-28 u t-30 ta' Jannar 2014. Dawk l-awtoritajiet inżammu infurmati dwar il-progress tas-sitwazzjoni b'konformità mad-deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-pjan ta' azzjoni li ġie propost. Waqt iż-żjara tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-Sri Lanka kellhom l-opportunità li jagħmlu dikjarazzjonijiet u jipprovdu dokumenti rilevanti bi tweġiba għad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, u li jinfurmaw lill-Kummissjoni rigward l-aktar żviluppi reċenti b'rabta mal-progress tal-pjan ta' azzjoni.

(31) Fis-27 ta' Marzu 2014 is-Sri Lanka pprovdiet rapport ta' progress ieħor li jkopri l-perjodu mis-16 ta' Awwissu 2013 sal-21 ta' Marzu 2014, filwaqt li ppreżentat ukoll id-dokumenti li ġejjin: (i) informazzjoni aġġornata dwar oqsma ewlenin tal-pjan ta' azzjoni ssuġġerit; (ii) perjodu ta' żmien aġġornat għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali fil-ġlieda kontra s-sajd IUU; (iii) ittri mill-Ministeru tas-Sajd u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Akkwatiċi lill-Ministeru tal-Affarijiet Esterni li fihom jintalab li jkun hemm adeżjoni mal-Ftehim ta' Osservanza FAO u li

ċittadini involuti fis-sajd IUU taħt bnadar ta' stati oħra jiġu investigati; (iv) talba għal finanzjament tal-VMS u għad-dimostrazzjoni tar-rekwiżit tat-transponders; (v) informazzjoni dwar it-taħriġ ta' sensibilizzazzjoni u (vi) eżemplari tal-Ġurnal ta' Abbord tas-Sajd rivedut tal-2014 u l-pjan ta' spezzjoni fil-portijiet ta' Bastimenti tas-Sajd f'Ibħra Fondi u ta' Bastimenti tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali. L-informazzjoni inkludiet ukoll l-adozzjoni, mill-Parlament tas-Sri Lanka, tal-Att tas-Sajd rivedut fil-5 ta' Novembru 2013. Fl-1 ta' Awwissu 2014 is-Sri Lanka pprovdiet rapport ta' progress addizzjonali li jkopri l-perjodu sa Lulju 2014 li, flimkien ma' informazzjoni aġġornata dwar l-oqsma ewlenin proposti fil-pjan ta' azzjoni, u perjodu ta' żmien aġġornat għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali fil-ġlieda kontra s-sajd IUU, inkluda wkoll; ittra mill-Ministeru tal-Affarijiet Esterni lill-Ministeru tas-Sajd u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Akkwatiċi li biha infurmat li kopja tal-istrument ta' aċċettazzjoni għall-adeżjoni mal-Ftehim ta' Osservanza FAO se tiġi ppreżentata ladarba sseħħ l-adeżjoni; Talba lill-Avukat Ġenerali għall-introduzzjoni ta' aktar sanzjonijiet fil-leġiżlazzjoni attwali; 2 ittri mir-Rapporteurs Legali li jinkludu, rispettivament, l-abbozzi ta' regolamenti dwar Operazzjonijiet tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali u l-Ġbir ta' Dejta tal-Qbid tal-Ħut, kif ukoll sommarju tal-programmi ta' sensibilizzazzjoni għal kaptani ta' bastimenti li jbaħħru f'ibħra miftuħa u r-rapport ta' implimentazzjoni lill-IOTC dwar skema reġjonali ta' osservazzjoni. Fid-29 ta' Awwissu 2014, is-Sri Lanka pprovdiet informazzjoni addizzjonali li tispjega l-progress li sar fir-rigward tan-nuqqasijiet li ġew stabbiliti (jiġifieri abbozzi ta' regolamenti dwar Operazzjonijiet tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali u l-Ġbir ta' Dejta tal-Qbid tal-Ħut, Ċirkolari ta' informazzjoni dwar is-sanzjonar, informazzjoni dwar programmi ta' osservatur u ta' spezzjoni u informazzjoni dwar il-progress li sar fir-rigward tan-nuqqasijiet li ġew stabbiliti). Fit-18 u d-19 ta' Settembru 2014 is-Sri Lanka pprovdiet sottomissjonijiet ġodda li jikkonfermaw l-adozzjoni ta' regolamenti dwar Operazzjonijiet tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali u l-Ġbir ta' Dejta tal-Qbid tal-Ħut, riflessjoni dwar ħidma interna għall-abbozzar ta' Memorandum tal-Kabinett dwar skema ta' sanzjonijiet ta' deterrent, riflessjoni dwar il-ksib ta' konformità mal-IOTC, informazzjoni dwar il-kopertura tal-ġurnal ta' abbord, spezzjoni u kopertura mill-osservatur u informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' introduzzjoni parzjali, b'approċċ ta' pass b'pass, ta' transponders VMS (għalkemm il-kuntratt mal-kuntrattur kien għadu ma ġiex iffirmat u implimentat) fuq il-bastimenti tas-sajd tagħha għall-perjodu ta' bejn Jannar 2015 u Awwissu 2015.

(32) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala meħtieġa. Il-kummenti bil-fomm u bil-miktub mibgħuta mis-Sri Lanka wara d-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ġew ikkunsidrati u meqjusa, filwaqt li s-Sri Lanka nżammet infurmata bil-fomm jew bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(33) Fid-dawl tal-elementi miġbura, kif jidher fil-premessi 34 sa 67, il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-Sri Lanka ma indirizzatx b'mod suffiċjenti l-oqsma ta' tħassib u n-nuqqasijiet deskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012. Barra minn hekk, is-Sri Lanka naqset milli timplimenta bis-sħiħ il-miżuri proposti fil-pjan ta' azzjoni mehmuż.

## 3. IDENTIFIKAZZJONI TAS-SRI LANKA BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(34) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni analizzat il-konformità tas-Sri Lanka mal-obbligi internazzjonali tagħha bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, b'konformità mas-sejbiet tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u mal-informazzjoni rilevanti pprovduta mis-Sri Lanka, mal-pjan ta' azzjoni propost kif ukoll mal-miżuri li ttieħdu sabiex is-sitwazzjoni tiġi rettifikata. Għall-finijiet ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni kkunsidrat il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 3.1. Rikorrenza tas-sajd IUU (l-Artikolu 31(4)(a) tar-Regolament IUU)

(35) Kif ġie enfasizzat fil-premessa 292 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni stabbilixxiet li s-Sri Lanka ma kellha ebda leġiżlazzjoni li tipprovdi għal-liċenzjar tas-sajd f'ibħra internazzjonali.

(36) Kif imsemmi fil-premessa 296 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, 13-il bastiment irreġistrati s-Sri Lanka ġew imniżżla fl-abbozz tal-lista' ta' bastimenti IUU tal-IOTC minħabba li nqabdu jistadu bi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC). Minn meta ġiet promulgata d-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, is-Sri Lanka ma pprojbixxietx lill-bastimenti tagħha milli jistadu b'mod illegali fl-ibħra internazzjonali u lanqas ma adottat b'mod immedjat il-leġiżlazzjoni li tippermetti s-sajd fl-ibħra internazzjonali u l-ħruġ ta' liċenzji għal sajd fl-ibħra internazzjonali sabiex jiġu evitati l-attivitajiet illegali tas-sajd tal-bastimenti tagħha tas-sajd. Minflok, finalment, fil-5 ta' Novembru 2013 is-Sri Lanka adottat Att tas-Sajd rivedut li jippermetti s-sajd fl-ibħra internazzjonali. Dan serva biex isir l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni għal-liċenzjar ta' bastimenti għal użu fl-ibħra internazzjonali, u din il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni ġiet adottata f'Settembru 2014 (skont is-sottomissjoni tal-awtoritajiet), iżda għadha ma ġietx implimentata. Is-Sri Lanka naqqset ukoll, minn 3 307 għal 1 758, l-għadd ta' bastimenti li joperaw fl-IOTC, iżda dawn il-bastimenti għadhom qed iwettqu attivitajiet ta' sajd bl-użu ta' liċenzja amministrattiva għall-ibħra internazzjonali, u mhux bl-użu

ta' liċenzja legali. F'dan ir-rigward huwa mfakkar li, skont l-Artikolu 18(3)(b)(ii) tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut ([1]) (UNFSA), Stat tal-bandiera għandu jieħu miżuri biex jipprojbixxi sajd fl-ibħra miftuħa mill-bastimenti tiegħu li ma jkunux illiċenzjati kif imiss jew awtorizzati jistadu. Is-sitwazzjoni attwali fis-seħħ turi biċ-ċar li s-Sri Lanka mhix qed taġixxi skont ir-responsabbiltajiet internazzjonali tagħha bħala Stat tal-bandiera.

(37) Skont informazzjoni miksuba mill-IOTC ([2]), minn meta ġiet promulgata d-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, tliet bastimenti li jtajru l-bandiera tas-Sri Lanka, *Malshiri No 1*, *Gold Marine 5* u *Lakpriya 2* inqabdu minn Stati kostali fl-2013 taħt preżunzjoni li kienu involuti f'attivitajiet IUU. Huwa mfakkar li, skont l-Artikolu 18(1) u (2) tal-UNFSA, l-Istat tal-bandiera huwa responsabbli vis-à-vis l-bastimenti tiegħu li joperaw fl-ibħra miftuħa. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 118 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), Stat tal-bandiera għandu jikkoopera fil-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi ħajjin li jkunu qed jiddgħajfu b'mod ċar minħabba l-preżenza tal-flotta tiegħu li tkun qed topera fl-IOTC mingħajr liċenzji legali tas-sajd, u li b'hekk tkun qed twettaq attivitajiet IUU b'konformità mad-definizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament IUU.

(38) Barra minn hekk, fl-2013 instab li 13-il bastiment ieħor irreġistrati s-Sri Lanka u li saritilhom spezzjoni waqt li kienu għaddejjin minn ġoż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) ta' Stat kostali kienu qed jiksru l-miżuri tal-IOTC dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni. Il-Kummissjoni tqis li t-twettiq ta' attivitajiet ta' sajd fuq bażi kontinwa minn bastimenti tas-Sri Lanka bi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-IOTC huwa indikazzjoni ċara li s-Sri Lanka naqset milli twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha bħala Stat tal-bandiera skont id-dritt internazzjonali, kif ġie affermat fil-premessa 37.

(39) Dan juri wkoll in-nuqqas tas-Sri Lanka li tiżgura li bastimenti tas-sajd intitolati li jtajru l-bandiera tagħha ma jwettqux u ma jappoġġjawx attivitajiet ta' sajd IUU, u dan mhuwiex konformi mal-punt 34 tal-IPOA-IUU li jistipula li l-Istati għandhom jiżguraw li bastimenti tas-sajd intitolati li jtajru l-bandiera tagħhom ma jwettqux u ma jappoġġjawx attivitajiet ta' sajd IUU. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tas-Sri Lanka u li ssir referenza għalihom fil-premessi 36 sa 38 tenfasizza wkoll in-nuqqas tas-Sri Lanka li tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 19(1) u (2) tal-UNFSA, li jistipula li Stat tal-bandiera għandu jiżgura li bastimenti tiegħu li jtajru l-bandiera tiegħu għandhom josservaw ir-regoli tal-RFMO dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni.

(40) Il-Kummissjoni sabet ukoll li s-Sri Lanka ma setgħetx tieħu miżuri xierqa b'mod effettiv fir-rigward tas-sajd IUU rikorrenti minħabba nuqqasijiet fil-qafas legali tagħha. Għaldaqstant, issuġġeriet li fil-pjan ta' azzjoni ssir reviżjoni tal-qafas ġuridiku sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali fir-rigward tal-ibħra internazzjonali; dan sabiex jiġi rimedjat in-nuqqas ta' mezzi operattivi suffiċjenti għall-monitoraġġ effettiv tal-flotot għal distanzi twal tas-Sri Lanka, u biex tinħoloq skema ta' sanzjonijiet ta' deterrent.

(41) Kif imsemmi fil-premessa 36 ta' din id-Deċiżjoni, f'Novembru 2013 is-Sri Lanka adottat Att dwar is-Sajd rivedut li jippermetti lill-bastimenti tagħha jistadu barra ż-ŻEE tagħha. Madankollu, l-att meħtieġ għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' liċenzjar għall-ibħra internazzjonali għadu fi stat ta' abbozz, u għalhekk mhuwiex applikabbli. Attwalment, il-liċenzji qed jinħarġu mill-amministrazzjoni b'mod mhux sistemiku, mingħajr proċedura predeterminata. Barra minn hekk, l-Att tas-Sajd rivedut ipprovda wkoll għal aktar sanzjonijiet fir-rigward ta' ksur IUU, li jistgħu jitqiesu bħala deterrent biss għal parti mill-flotta għal distanzi twal tas-Sri Lanka (b'mod speċifiku, għal dgħajjes ta' daqs żgħir li qed jistadu barra ż-ŻEE tas-Sri Lanka, li għalihom is-sanzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala xierqa meta tiġi kkunsidrata l-kapaċità limitata ta' sajd ta' dawn il-bastimenti. Madankollu, fl-2013 u fl-2014 il-flotta ta' bastimenti ta' daqs kbir tas-Sri Lanka (ta' daqs akbar minn 24 metru) kibret, u l-livell ta' sanzjonijiet previsti mill-Att il-ġdid dwar is-Sajd applikabbli għal din il-parti tal-flotta ma jistax jiġi kkunsidrat bħala deterrent, minħabba li dawn il-bastimenti għandhom kapaċità tas-sajd bejn 10 darbiet u 20 darba akbar minn dik tal-bastimenti ż-żgħar. Il-leġiżlazzjoni attwali ([3]) tipprevedi multa ta' ammont massimu ta' EUR 8 429 (LKR 1 500 000 ([4])), li ma tistax titqies bħala effettiva sabiex tiġi żgurata l-konformità, sabiex jiġu skoraġġuti l-vjolazzjonijiet u sabiex il-ħatjin jiġu mċaħħda mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet illegali li jwettqu. Għaldaqstant, livell ta' sanzjonijiet ta' dan it-tip ma jistax jitqies bħala konformi mal-Artikolu 19(2) tal-UNFSA, li jistipula, fost l-oħrajn, li s-sanzjonijiet għandhom ikunu ta' severità xierqa u jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet illegali li jwettqu. B'hekk, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' sanzjonar introdotta mis-Sri Lanka hija inadegwata, filwaqt li jidher ukoll b'mod ċar li din mhijiex proporzjonata fir-rigward tal-gravità tal-vjolazzjonijiet li jistgħu jseħħu, fir-rigward tal-impatt potenzjali tal-vjolazzjonijiet fuq ir-riżorsi u fir-rigward tal-benefiċċju potenzjali li jista' joħroġ minn azzjonijiet illegali ta' dan it-tip.

([1]) Il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Implimentazzjoni tad-Disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Konservazzjoni u l-Maniġġar ta' Stokkijiet ta' Ħut Trans-Żonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna.

([2]) http://iotc.org/meetings/11th-session-compliance-committee-coc11

([3]) Att dwar s-Sajd u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Akkwatiċi (emenda), Nru 35 tal-2013.

([4]) EUR 8 429 fuq il-bażi tar-rata tal-kambju tas-27 ta' Mejju 2014.

(42) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħadet is-Sri Lanka fid-dawl tal-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera mhumiex biżżejjed sabiex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 118 tal-UNCLOS u mal-Artikoli 18, 19 u 20 tal-UNFSA.

(43) Fl-isfond tal-premessi 292 sa 299 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u fl-isfond tal-iżviluppi li seħħew wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4)(a) tar-Regolament IUU, li s-Sri Lanka naqset milli taqdi dawk li huma d-dmirijiet tagħha skont il-liġijiet internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-bastimenti IUU u fir-rigward tas-sajd IUU li jsir jew li jiġi appoġġjat minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha jew minn ċittadini tagħha, u li l-pajjiż ma ħax azzjoni suffiċjenti sabiex jiġġieled is-sajd IUU dokumentat u rikorrenti minn bastimenti li qabel kienu jtajru l-bandiera tiegħu.

### 3.2. **Nuqqas ta' kooperazzjoni u infurzar (l-Artikolu 31(5)(b), (c) u (d) tar-Regolament IUU)**

(44) Kif deskritt fil-premessi 302 sa (311 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni analizzat jekk is-Sri Lanka ikkooperatx jew le b'mod effettiv mal-Kummissjoni waqt l-investigazzjonijiet u l-attivitajiet relatati.

(45) Rigward il-bastimenti msemmija fil-premessa 293 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, is-Sri Lanka, kif huwa indikat fil-premessa 296 ta' din id-Deċiżjoni, kienet obbligata li tirrapporta dwar l-azzjonijiet meħuda kontra dawk il-bastimenti fuq bażi ta' kull xahar. Dan ir-rappurtar sar biss għal 9 xhur mit-12-il xahar tal-2013, u għal xahrejn minn 4 xhur fl-2014. Bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-UNFSA, li jistabbilixxi l-obbligi tal-Istati biex dawn jinvestigaw, u jikkooperaw, jew direttament jew permezz tal-RFMOs, biex jiżguraw li jkun hemm konformità ma', u infurzar ta', il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-RFMOs, għalhekk is-Sri Lanka naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-liġijiet internazzjonali fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-infurzar f'livell internazzjonali.

(46) Kif deskritt fil-premessa 302 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, kif ukoll fil-premessa 45 hawn fuq, is-Sri Lanka ma ssodisfatx l-obbligi tagħha ta' rappurtar ta' kull xahar lejn l-IOTC għat-13-il bastiment irreġistrati s-Sri Lanka li jidhru li kienu involuti f'attivitajiet IUU iżda li ma ġewx elenkati mill-IOTC. Għaldaqstant, is-Sri Lanka naqset milli turi li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 94(2)(b) tal-UNCLOS li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu u fuq il-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu.

(47) Barra minn hekk, kif deskritt fil-premessi 306 sa 307 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni analizzat jekk is-Sri Lanka ħaditx miżuri ta' infurzar effettivi fir-rigward ta' operaturi responsabbli għal sajd IUU, u jekk ġewx applikati sanzjonijiet severi biżżejjed biex min jikser il-liġi jiġi mċaħħad mill-benefiċċji li jirriżultaw mis-sajd IUU.

(48) Kif ġie spjegat fil-premessa 41, wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, is-Sri Lanka ma stabbilixxietx sistema ta' sanzjonar ta' deterrent għall-parti tal-flotta tagħha magħmula minn bastimenti ta' daqs kbir. Il-katalogu attwali ta' sanzjonijiet mhuwiex konformi mal-Artikolu 19(2) tal-UNFSA li jistipula, fost l-oħrajn, li s-sanzjonijiet għandhom ikunu ta' severità xierqa u għandhom iċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet illegali li jwettqu.

(49) L-evidenza disponibbli għadha tikkonferma li s-Sri Lanka ma ssodisfatx l-obbligi tagħha skont il-liġijiet internazzjonali fir-rigward ta' miżuri ta' infurzar effettivi. F'dan ir-rigward, kif ġie spjegat fil-premessi 36 sa 38, l-eżistenza sostnuta ta' bastimenti li jistadu bi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-IOTC tenfasizza n-nuqqas tas-Sri Lanka li Sri Lanka li taqdi r-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tal-bastimenti tagħha li joperaw fl-ibħra internazzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 18(1) u (2) tal-UNFSA.

(50) Kif enfasizzat fil-premessa 309 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-livell ta' żvilupp tas-Sri Lanka ma jistax jitqies bħala fattur li jxekkel il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jikkooperaw ma' pajjiżi oħra u jieħdu azzjonijiet ta' infurzar. Il-valutazzjoni tal-limitazzjonijiet speċifiċi fuq l-iżvilupp hija deskritta b'mod aktar dettaljat fil-premessi 65 sa 67.

(51) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħadet is-Sri Lanka fid-dawl tal-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera mhumiex biżżejjed sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 94(2)(b) tal-UNCLOS u mal-Artikoli 18 u 19 tal-UNFSA.

(52) Fl-isfond tal-premessi 302 sa 311 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u tal-iżviluppi li seħħew wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(5)(b), (c) u (d) tar-Regolament IUU, is-Sri Lanka naqset milli taqdi dawk li huma d-dmirijiet tagħha skont il-liġijiet internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-isforzi ta' infurzar.

### 3.3. Nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)

(53) Kif deskritt fil-premessi 314 sa 334 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni kollha meqjusa bħala rilevanti fir-rigward tal-istatus tas-Sri Lanka bħala Parti Kontraenti tal-IOTC. B'hekk il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni kollha meqjusa bħala rilevanti fir-rigward tal-qbil tas-Sri Lanka li tapplika l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li ġew adottati mill-IOTC wara d-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(54) Huwa mfakkar li minn meta ġiet promulgata d-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, l-IOTC ħarġet Rapporti annwali ta' Konformità għall-2013 ([1]) u l-2014 ([2]) rispettivament, li juru li s-Sri Lanka għad mhijiex konformi, jew li kienet konformi biss b'mod parzjali fis-snin 2012 u 2013.

(55) Fir-rigward tar-Rapport ta' Konformità għall-2013, is-Sri Lanka naqset milli tippreżenta xi informazzjoni meħtieġa dwar l-istatistika u dwar ċertu miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

(56) B'mod partikolari, fir-rigward tar-Riżoluzzjoni 10/08 tal-IOTC ([3]) għal-lista ta' bastimenti attivi, is-Sri Lanka ma pprovdietx informazzjoni dwar il-kodiċi internazzjonali tar-radju għal kull bastiment. Fir-rigward tar-Riżoluzzjoni 06/03 tal-IOTC ([4]) dwar l-adozzjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), is-Sri Lanka naqset milli tgħammar il-bastimenti tagħha ta' tul totali ta' aktar minn 15-il metru b'VMS, u milli tibni Ċentru għall-Monitoraġġ tas-Sajd (FMC). Is-Sri Lanka naqset ukoll milli tibgħat ir-rapport ta' progress dwar il-VMS, li huwa dmir obbligatorju. Rigward ir-Riżoluzzjoni 10/02 tal-IOTC ([5]) dwar ir-rekwiżiti obbligatorji ta' statistika, is-Sri Lanka ma rrappurtatx id-dejta dwar id-daqs tal-frekwenza tas-sajd kostali u ma rrappurtatx dejta dwar l-isforz u l-frekwenza tad-daqsijiet tal-qabdiet nominali, tal-qabdiet u l-isforz skont l-istandard meħtieġ minn dik ir-Riżoluzzjoni għas-sajd kostali, is-sajd tal-wiċċ u s-sajd bil-konzijiet. Rigward ir-Riżoluzzjoni 05/05 tal-IOTC ([6]) dwar it-tressiq ta' dejta dwar il-klieb il-baħar, is-Sri Lanka hija konformi biss b'mod parzjali, minħabba li d-dejta dwar il-qbid bl-għeżula tat-tisqif u bil-konzijiet jiġu rrappurtati bħala ċifra waħda.Rigward ir-Riżoluzzjoni 12/05 tal-IOTC ([7]) dwar it-trażbord fil-portijiet, is-Sri Lanka ma pprovdietx ir-rapport obbligatorju.Rigward ir-Riżoluzzjoni 11/04 tal-IOTC dwar l-osservaturi ([8]), is-Sri Lanka ma implimentatx l-iskema reġjonali tal-osservatur kif mitlub f'din ir-Riżoluzzjoni. B'mod partikolari, is-Sri Lanka ma stabbilixxietx l-iskema tal-osservatur għall-5 % obbligatorju fuq il-baħar għall-bastimenti ta' tul ta' aktar minn 24 metru u mhux qed taġixxi b'mod konformi mal-obbligu ta' rappurtar tal-osservatur.

(57) Rigward ir-Rapport ta' Konformità għall-2014, is-Sri Lanka naqset milli tippreżenta xi informazzjoni meħtieġa dwar l-istatistika, u informazzjoni dwar ċertu miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

(58) B'mod partikolari, fir-rigward tar-Riżoluzzjoni 13/02 tal-IOTC ([9]), is-Sri Lanka ma adottatx leġiżlazzjoni li tagħmel l-immarkar tal-irkaptu obbligatorju. Rigward ir-Riżoluzzjoni 13/08 tal-IOTC ([10]), is-Sri Lanka ma ressqitx pjan ta' ġestjoni għall-Irkapti biex Jinġema l-Ħut (FADs), filwaqt li ma ttieħdux l-miżuri legali u amministrattivi fir-rigward tat-8 bastiment tas-sajd bil-*purse seines* kif meħtieġ skont ir-Riżoluzzjoni 12/13 tal-IOTC ([11]). Għal darb' oħra fl-2014, fir-rigward tar-Riżoluzzjoni 06/03 tal-IOTC ([12]), is-Sri Lanka ma għammritx il-bastimenti tagħha ta' tul totali ta' aktar minn 15-il metru b'VMS, ma bnietx FMC u naqset milli tibgħat ir-rapport ta' progress dwar il-VMS, li huwa obbligatorju.Rigward ir-Riżoluzzjoni IOTC 10/02 dwar rekwiżiti statistiċi obbligatorji, is-Sri Lanka ma rrappurtatx dejta dwar l-isforz u l-frekwenza tad-daqsijiet tal-qabdiet nominali, tal-qabdiet u l-isforz fil-livell tal-istandard mitlub minn din ir-Riżoluzzjoni.Fir-rigward tar-Riżoluzzjonijiet 13/06 ([13]) u 12/04 ([14]) tal-IOTC, is-Sri Lanka ma ttrasponietx projbizzjoni fuq il-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi. Barra minn hekk, ma implimentatx l-obbligi għal bastimenti tas-sajd bil-*purse seines* biex dawn iġorru magħhom koppijiet, u għal bastimenti tas-sajd bil-konz biex dawn iġorru magħhom tagħmir għall-qtugħ tax-xlief u tagħmir għat-tneħħija tas-snanar. Imtenni wkoll fl-2014, fir-rigward tar-Riżoluzzjoni 11/04 ([15]), is-Sri Lanka ma implimentatx l-iskema tal-osservatur kif meħtieġ.B'mod partikolari, is-Sri Lanka ma stabbilixxietx l-iskema tal-osservatur għall-5 %

([1]) Ir-Rapport ta' Konformità IOTC għas-Sri Lanka, Sessjoni tal-Kumitat ta' Konformità, 10, 2013, CoC10-CR25.
([2]) Ir-Rapport ta' Konformità IOTC għas-Sri Lanka, Sessjoni tal-Kumitat ta' Konformità, 11, 2014, CoC11-CR25 Rev1.
([3]) Ir-Riżoluzzjoni 10/08 dwar reġistru ta' bastimenti attivi li jistadu għat-tonn u għall-pixxispad fiż-żona tal-IOTC.
([4]) Ir-Riżoluzzjoni 06/03 dwar it-twaqqif ta' programm għal sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti.
([5]) Ir-Riżoluzzjoni 10/02 Rekwiżiti obbligatorji ta' statistika għal Membri tal-IOTC u għal Partijiet Mhux Kontraenti li Jikkooperaw (CPCs).
([6]) Ir-Riżoluzzjoni 05/05 dwar il-konservazzjoni tal-klieb il-baħar maqbuda flimkien ma' operazzjonijiet ta' sajd immaniġġjati mill-IOTC.
([7]) Ir-Riżoluzzjoni 12/05 dwar it-twaqqif ta' programm għal trażbord minn bastimenti tas-sajd ta' daqs kbir.
([8]) Ir-Riżoluzzjoni 11/04 dwar skema reġjonali tal-osservatur.
([9]) Ir-Riżoluzzjoni 13/02 dwar ir-reġistru tal-IOTC ta' bastimenti awtorizzati biex joperaw fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC.
([10]) Ir-Riżoluzzjoni 13/08 Proċeduri dwar pjan ta' ġestjoni għall-irkaptu biex jinġemal-ħut (FADs), inkluż speċifikazzjonijiet aktar dettaljati ta' rappurtar dwar il-qbid minn settijiet ta' tagħmir FAD, u l-iżvilupp ta' disinji mtejba ta' tagħmir FAD biex titnaqqas l-inċidenza ta' taħbil ta' speċijiet mhux fil-mira.
([11]) Ir-Riżoluzzjoni 12/13 għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet ta' tonn tropikali fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC.
([12]) Ir-Riżoluzzjoni 06/03 dwar l-adozzjoni ta' VMS u dwar ir-rapport ta' progress dwar il-VMS.
([13]) Ir-Riżoluzzjoni 13/06 dwar qafas xjentifiku u ta' ġestjoni dwar il-konservazzjoni ta' klieb il-baħar maqbuda flimkien ma' operazzjonijiet ta' sajd immaniġġjati mill-IOTC.
([14]) Ir-Riżoluzzjoni 12/04 dwar il-konservazzjoni tal-fkieren tal-baħar.
([15]) Ir-Riżoluzzjoni 11/04 dwar skema reġjonali tal-osservatur.

obbligatorju fuq il-baħar għall-bastimenti ta' tul ta' aktar minn 24 metru u mhux qed taġixxi b'mod konformi mal-obbligu ta' rappurtar tal-osservatur. Fir-rigward tar-Riżoluzzjoni 10/10 tal-IOTC ([1]), is-Sri Lanka ma pprovdietx ir-rapport dwar l-importazzjoni, il-ħatt l-art u t-trażbord tat-tonn u ta' prodotti tal-ħut simili għat-tonn fil-portijiet.

(59) In-nuqqas tas-Sri Lanka li tipprovdi lill-IOTC l-informazzjoni meħtieġa u li tissodisfa l-obbligi tal-IOTC imsemmija fil-premessi 56 u 58 juri n-nuqqas tagħha li tissodisfa l-obbligi tagħha stabbiliti fl-UNCLOS u fl-UNFSA bħala Stat tal-bandiera. B'mod partikolari, in-nuqqas tagħha li tipprovdi informazzjoni f'waqtha dwar l-istatistika, il-VMS, il-qbid u l-isforz, it-trażbord fil-port u dwar il-programm ta' osservatur idgħajjef il-ħila tas-Sri Lanka li tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 117 u 118 tal-UNCLOS. Dawk l-Artikoli jistipulaw id-dmir ta' Stat li jadotta miżuri għaċ-ċittadini tiegħu għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-ibħra internazzjonali, u li dan jikkoopera fir-rigward ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi ħajjin fl-ibħra internazzjonali.

(60) Kif deskritt fil-premessa 322 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, waqt il-missjoni tal-Kummissjoni fis-Sri Lanka f'Novembru 2010 ġew żvelati għadd ta' elementi, b'mod partikolari fir-rigward tal-VMS u n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni rigward ir-rappurtar dwar il-qbid. Elementi oħra ta' tħassib, bħan-nuqqas ta' skema tal-osservatur u rappurtar ta' kwalità fqira dwar il-bastimenti u ċittadini identifikati bħala li kienu involuti f'sajd IUU ġew enfasizzati fil-premessi 319 u 321 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 bħala riżultat tar-Rapporti ta' Konformità tal-IOTC għall-2011 u l-2012.F'dan ir-rigward, l-informazzjoni ppreżentata mill-awtoritajiet tas-Sri Lanka fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar is-sajd f'ibħra internazzjonali, il-ħolqien ta' VMS operattiv, skema affidabbli tal-osservatur, u reġistrazzjoni u rappurtar tal-qbid urew li l-awtoritajiet ma żgurawx kontroll u monitoraġġ effettivi tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tas-Sri Lanka. B'mod partikolari, kif indikat fil-premessi 36, 40 u 41, is-Sri Lanka ġiet mistiedna tiżviluppa bir-reqqa qafas legali li jippermetti s-sajd f'ibħra internazzjonali b'liċenzji tas-sajd, u biex twettaq ir-riżoluzzjonijiet tal-IOTC, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-flotta tagħha, inkluż VMS, ġurnal ta' abbord u sistema ta' rappurtar ta' qabdiet, kif ukoll skema ta' osservazzjoni.Rigward il-leġiżlazzjoni tas-sajd f'ibħra internazzjonali, l-Att dwar is-Sajd ġie emendat biex jippermetti s-sajd f'ibħra internazzjonali, u r-Regolament ta' implimentazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji ġie abbozzat qabel ma fl-aħħar ġie adottat f'Settembru 2014. Madankollu, billi r-regolament ta' implimentazzjoni ma ġiex adottat qabel Settembru 2014, u minħabba li ma teżisti ebda informazzjoni dwar kif dan kien se jiġi implimentat, qed jinħarġu liċenzji amministrattivi biss, filwaqt li l-bastimenti rreġistrati s-Sri Lanka joperaw mingħajr VMS. Fir-rigward tal-iskema reġjonali ta' osservatur, id-dokumenti pprovduti mill-awtoritajiet tas-Sri Lanka żvelaw li minkejja l-għażla u r-reklutaġġ ta' għadd ta' spetturi, parti kbira tal-flotta mhux se tkun koperta minħabba l-għadd żgħir ta' spetturi (45) meta mqabbel mal-għadd kbir ta' bastimenti (1 758 fir-reġistru tal-bastimenti tal-IOTC). Madankollu, is-Sri Lanka għandha ma għamlet ebda proposti biex tindirizza din il-problema serja fil-kuntest tal-IOTC, u dan ifisser li ma hemm ebda kopertura xierqa tal-flotta li ttajjar il-bandiera tas-Sri Lanka li topera fl-ibħra internazzjonali minħabba li hemm nuqqas ta' mezzi ta' spezzjoni.F'dak ir-rigward qed jiġi mfakkar ukoll li s-Sri Lanka għandha problemi serji fil-qasam tar-rappurtar ta' dejta lill-IOTC, u dan ixekkel il-kapaċità tal-pajjiż li jeżerċita l-obbligi tiegħu bħala Stat tal-bandiera.

(61) Fir-rigward tal-VMS, kif deskritt fil-premessi 316, 321 u 322 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u fil-premessa 60 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tfakkar rigward diversi problemi li ġew enfasizzati mill-IOTC. Wara d-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, is-Sri Lanka ddikjarat li kienet tinsab fil-proċess li tintroduċi l-VMS. Hija ppreżentat lill-Kummissjoni l-leġiżlazzjoni li turi l-ħtieġa li jinżamm transponder abbord mill-1 ta' Novembru 2011, u indikat li kien diġà ntgħażel fornitur ta' servizz. Madankollu, il-finanzjament ma kienx ġie allokat u n-negozjati bejn l-awtoritajiet tas-Sri Lanka u l-istituzzjoni finanzjarja rilevanti ilhom għaddejjin aktar minn 18-il xahar. In-negozjati jikkonċernaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' self biex jinxtara u jiġi installat FMC, u sabiex l-operaturi jingħataw għajnuna finanzjarja biex jinstallaw u joperaw VMS għall-flotta kollha tal-ibħra internazzjonali fi żmien raġjonevoli. Bħala riżultat, is-Sri Lanka ma għandhiex FMC. Barra minn hekk, il-VMS għadha qed tiġi żviluppata, u għadha qatt ma kienet operattiva. Kif ġie kkonfermat mis-sottomissjonijiet sussegwenti tas-Sri Lanka u mir-Rapporti ta' Konformità tal-IOTC tal-2013 u l-2014, waqt iż-żjara tagħha f'Jannar 2014 il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-bastimenti tas-sajd tas-Sri Lanka għad mhumiex mgħammra bil-VMS. Rigward il-konformità mar-rekwiżiti tal-IOTC dwar il-VMS, jeżistu diskrepanzi bejn ir-Rapporti ta' Konformità tal-IOTC għall-2013 u l-2014 u l-azzjonijiet tas-Sri Lanka. Ir-Rapporti ta' Konformità jiddikjaraw li hemm konformità parzjali filwaqt li l-informazzjoni pprovduta mis-Sri Lanka turi b'mod ċar li ma kien hemm ebda implimentazzjoni konkreta ta' VMS. Għalhekk, mill-informazzjoni miġbura dwar il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza tal-awtoritajiet tas-Sri Lanka, jidher li s-Sri Lanka ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18(3)(g) tal-UNFSA, b'mod partikolari dawk dwar il-kapaċità operattiva tagħha li timmaniġġja l-flotta tagħha u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' VMS funzjonali.

[1] Ir-Riżoluzzjoni 10/10 dwar miżuri relatati mas-suq.

(62) Il-fatti stabbiliti fit-Taqsima 3.3 juru li s-Sri Lanka qed tikser l-Artikolu 18(3) tal-UNFSA.

(63) Bħala konsegwenza, fid-dawl tal-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera, is-Sri Lanka osservat l-Artikoli 117 u 118 tal-UNCLOS u l-Artikoli 18(3) tal-UNFSA biss b'mod parzjali u inadempjenti.

(64) Fl-isfond tal-premessi 314 sa 334 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi li seħħew wara dik id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, is-Sri Lanka naqset milli taqdi dawk li huma r-responsabbiltajiet tagħha skont il-liġijiet internazzjonali fir-rigward tar-regoli, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

## 3.4. **Limitazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw**

(65) Huwa mfakkar li, skont l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti ([1]), is-Sri Lanka titqies bħala pajjiż medju fl-iżvilupp tal-bniedem (it-92 minn 186 pajjiż). Dan huwa kkonfermat ukoll mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fejn is-Sri Lanka hija elenkata fil-kategorija ta' pajjiż bi dħul medju inferjuri.

(66) Kif deskritt fil-premessa 337 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ma nstabet ebda evidenza ta' korroborazzjoni li tissuġġerixxi li n-nuqqas tas-Sri Lanka li taqdi dawk li huma r-responsabbiltajiet tagħha skont il-liġijiet internazzjonali huwa riżultat ta' nuqqas ta' żvilupp. Wara l-15 ta' Novembru 2012 ma ġiet ippreżentata ebda evidenza konkreta addizzjonali biex jintwera li n-nuqqasijiet identifikati huma konsegwenza ta' nuqqas ta' kapaċità u ta' infrastruttura amministrattiva.

(67) Fl-isfond tal-premessi 336 u 337 tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, li l-istatus ta' żvilupp u l-prestazzjoni kumplessiva tas-Sri Lanka fir-rigward tas-sajd mhumiex imxekkla minn dan il-livell ta' żvilupp.

## 4. **KONKLUŻJONI DWAR L-IDENTIFIKAZZJONI TA' PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX**

(68) Fl-isfond tal-konklużjonijiet li saru aktar 'il fuq rigward in-nuqqas tas-Sri Lanka milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-liġijiet internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali u tas-suq, u biex tieħu azzjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU, dak il-pajjiż għandu jiġi identifikat, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, bħala pajjiż li l-Kummissjoni tqis li hu pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(69) B'kunsiderazzjoni għall-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament IUU, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma marbuta biex jirrifjutaw l-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbu ebda evidenza addizzjonali jew jagħmlu talba għal assistenza lill-Istat tal-bandiera meta jkunu konxji li ċ-ċertifikat tal-qabda ġie vvalidat mill-awtoritajiet ta' Stat tal-bandiera identifikat bħal Stat li ma jikkooperax b'konformità mal-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament. Safejn huwa possibbli, l-impatt negattiv fuq il-kummerċ għandu jiġi introdott b'mod gradwali, sabiex fil-perjodu ta' bejn id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni u d-dħul fis-seħħ tal-miżuri possibbli li jridu jittieħdu mill-Kunsill, l-aġġustament mill-partijiet għas-sitwazzjoni l-ġdida jiġi ffaċilitat u sabiex l-operaturi ekonomiċi jingħataw żmien xieraq biex jadattaw, minħabba l-karatteristiki speċjali tal-prodotti tas-sajd mis-Sri Lanka u l-karatteristiki speċjali tal-intrapriżi tas-Sri Lanka, fost oħrajn, l-intrapriżi tagħhom żgħar u ta' daqs medju. Konsegwentement, l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha tiġi posposta bi tliet xhur. Dan il-posponiment ma għandu jkollu ebda impatt fuq il-ħtieġa għat-teħid ta' miżuri rapidi mill-Kunsill biex is-sitwazzjoni fis-Sri Lanka b'rabta mas-sajd IUU tiġi indirizzata malajr.

(70) Għandu jiġi ddikjarat li l-identifikazzjoni tas-Sri Lanka bħala pajjiż li l-Kummissjoni tqis li ma jikkooperax għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni ma tipprekludi ebda passi sussegwenti meħuda mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill għall-finijiet tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx.

(71) F'każ li l-Kunsill ikollu jżid lis-Sri Lanka fil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, din id-Deċiżjoni ta' identifikazzjoni preċedenti ma tibqax valida.

([1]) Għal referenza għall-Indiċi tan-NU dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem ara (il-klassifikazzjoni tal-pajjiżi msemmija f'din id-Deċiżjoni aġġornata f'konformità mal-aħħar rapport disponibbli tan-NU): http://hdr.undp.org/en/media/HDR2013_EN_Summary.pdf

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

5. **KUMITAT TA' PROĊEDURA**

(72) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sajd u l-Akkwakultura.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika Soċjalista Demokratika tas-Sri Lanka hija identifikata bħala pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Jannar 2015.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, li jinsab fuq:

http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

**Ir-Regolament Nru 60 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' muturi b'żewġ roti u mopeds b'żewġ roti fir-rigward ta' kontrolli mħaddma mis-sewwieq inkluż l-identifikazzjoni tal-kontrolli, sinjalaturi u indikaturi**

Li jinkorpora t-test validu kollu sa:

Suppliment 4 tas-serje ta' emendi 00 — Id-data tad-dħul fis-seħħ: 3 ta' Novembru 2013

KONTENUT

REGOLAMENT

1. Kamp ta' applikazzjoni

2. Definizzjonijiet

3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

4. Approvazzjoni

5. Rekwiżiti

6. Modifikazzjonijiet tat-tip ta' vettura

7. Konformità tal-produzzjoni

8. Il-penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

9. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

10. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

L-ANNESSI

1. Komunikazzjoni

2. Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dan ir-Regolament japplika għal vetturi tal-kategoriji $L_1$ u $L_3$ [1] fir-rigward ta' kontrolli mħaddma mis-sewwieq.

Dan ir-Regolament jispeċifika r-rekwiżiti għall-pożizzjoni, l-identifikazzjoni, l-illuminazzjoni u t-tħaddim tal-kontrolli, sinjalaturi u indikaturi fuq mopeds u muturi.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

2.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' kontrolli mħaddma mis-sewwieq, fejn dawn il-kontrolli jkunu installati u fir-rigward tal-identifikazzjoni tagħhom.

[1] Kif ġew iddefiniti fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) (ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.2, para. 2. — www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html).

2.2. “Tip ta’ vettura” tfisser kategorija ta’ vetturi bil-magna li ma jvarjawx fir-rigward tal-arranġamenti li jistgħu jaffettwaw il-funzjoni jew il-pożizzjoni tal-kontrolli mħaddma mis-sewwieq.

2.3. “Vettura” tfisser mutur b’żewġ roti jew moped b’żewġ roti kif definit fil-paragrafu 2.1.1 jew 2.1.3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni ta’ Vetturi (R.E. 3) ([1]).

2.4. “Kontroll” tfisser kwalunkwe parti tal-vettura jew apparat direttament attivata mis-sewwieq li tibdel l-istat jew il-funzjonament tal-vettura jew ta’ kwalunkwe parti tagħha.

2.5. “Apparat” tfisser element jew assemblaġġ ta’ elementi li jintuża biex titwettaq funzjoni waħda jew aktar.

2.6. “Manubriji” tfisser kwalunkwe parti ta’ bar jew bars konnessi ma’ fuq tal-frieket (steering head) li permezz tagħha l-vettura tiġi mmexxija.

2.7. “Manubriji: tan-naħa tal-lemin” tfisser kwalunkwe parti tal-manubriji li, fid-direzzjoni tal-moviment ’il quddiem, tkun qiegħda fuq il-lemin tal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

2.8. “Manubriji: tan-naħa tax-xellug” tfisser kwalunkwe parti tal-manubriji li, fid-direzzjoni tal-moviment ’il quddiem, tkun qiegħda fuq ix-xellug tal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

2.9. “Manubriji: ta’ quddiem” tfisser kwalunkwe parti tal-manubriji li tkun qiegħda fuq in-naħa l-aktar imbiegħda mis-sewwieq meta dan ikun bilqiegħda fil-pożizzjoni tas-sewqan.

2.10. “Manku” tfisser dik il-parti tal-manubriji, l-aktar imbiegħda miċ-ċentru, li s-sewwieq tal-vettura jżomm il-manubriji biha.

2.11. “Manku jdur” tfisser manku, li jħaddem xi mekkaniżmu funzjonali tal-vettura, li jkun jista’ jiddawwar mal-manibriju mis-sewwieq tal-vettura.

2.12. “Qafas” tfisser kwalunkwe parti mill-qafas, xażi jew benniena tal-vettura, li magħha titwaħħal il-magna u/jew l-unità tat-trażmissjoni, u/jew il-magna u l-unità tat-trażmissjoni nnifisha.

2.13. “Qafas: tan-naħa tax-xellug” tfisser kwalunkwe parti tal-qafas li, fid-direzzjoni tal-moviment ’il quddiem, tkun qiegħda fuq ix-xellug tal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

2.14. “Qafas: tan-naħa tal-lemin” tfisser kwalunkwe parti tal-qafas li, fid-direzzjoni tal-moviment ’il quddiem, tkun qiegħda fuq il-lemin tal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

2.15. “Liver” tfisser kwalunkwe apparat magħmul minn driegħ li jdur fuq fulkru, li permezz tiegħu jitħaddem xi mekkaniżmu funzjonali tal-vettura.

2.16. “Liver tal-idejn” tfisser liver li jitħaddem bl-idejn tas-sewwieq;

*Nota:* Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, liver tal-idejn jitħaddem permezz ta’ kompressjoni, (jiġifieri, il-moviment tal-apiċi tal-liver lejn l-istruttura ta’ appoġġ), pereżempju biex jitħaddem il-mekkaniżmu tal-brejk jew biex jiġi rilaxxat il-mekkaniżmu tal-klaċċ.

2.17. “Liver tas-saqajn” tfisser liver imħaddem permezz ta’ kuntatt bejn is-sieq tas-sewwieq u sporġenza mid-driegħ tal-liver.

2.18. “Pedala” tfisser liver imħaddem permezz ta’ kuntatt bejn is-sieq tas-sewwieq u padding fuq il-liver, f’tali pożizzjoni li jippermetti li tiġi applikata pressjoni fuq id-driegħ tal-liver.

*Nota:* Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, il-pedala titħaddem permezz ta’ depressjoni, pereżempju, biex jitħaddem il-mekkaniżmu tal-brejk.

2.19. “Pedali riding” tfisser dawk l-apparati li huma konnessi ma’ xi forma ta’ trażmissjoni u li jistgħu jintużaw biex jinsaq moped

([1]) Kif ġew iddefiniti fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) (ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.2, para. 2. — www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html).

2.20. "driegħ rocker" tfisser liver, bil-pern fiċ-ċentru tiegħu jew qribu u li jkollu padding jew sporġenza f'kull tarf, imħaddem permezz ta' kuntatt bejn is-sieq tas-sewwieq u l-paddings jew sporġenzi msemmija.

2.21. "Favur l-arloġġ" tfisser id-direzzjoni tar-rotazzjoni madwar l-assi tal-parti kkunsidrata, li ssegwi l-mozzjoni tal-idejn arloġġ, kif tidher minn naħa ta' fuq jew in-naħa ta' barra tal-parti kkunsidrata.

2.22. "Kontra l-arloġġ" tfisser l-oppost ta' "Favur l-arloġġ"

2.23. "Brejkijiet kombinati" tfisser sistema ta' tħaddim (permezz ta' azzjoni idrawlika jew konnessjoni mekkanika, jew it-tnejn) fejn iż-żewġ brejkijiet ta' quddiem u ta' wara tal-vettura jitħaddmu mill-inqas parzjalment bl-użu ta' kontroll wieħed biss.

2.24. "Indikatur" tfisser apparat li jagħti informazzjoni dwar il-funzjonament jew is-sitwazzjoni ta' sistema jew ta' parti minn sistema, pereżempju, il-livell tal-fluwidu.

2.25. "Sinjalatur" tfisser sinjal ottiku li jindika l-attwazzjoni ta' apparat, funzjonament jew kundizzjoni tajjeb/tajba jew ħażin(a), jew in-nuqqas ta' funzjonament.

2.26. "Simbolu" tfisser dijagramma li tindentifika kontroll, sinjalatur jew indikatur.

2.27. "Apparat ta' twissija ottika" tfisser fanal ta' quddiem li r-raġġ tiegħu jista' jiġi mteptep biex jagħti sinjali lil vetturi ġejjin min-naħa opposta jew lil vetturi fuq quddiem, pereżempju, meta vettura tkun se taqla' vettura quddiemha miexja aktar bil-mod.

2.28. "Maġenb", fir-rigward ta' simbolu li jidentifika kontroll, sinjaltur jew indikatur, tfisser li s-simbolu huwa qrib ħafna tal-kontroll, sinjaltur jew indikatur u l-ebda kontroll, sinjalatur, indikatur, simbolu ta' identifikazzjoni jew sors ta' illuminazzjoni ieħor ma jidher bejn is-simbolu ta' identifikazzjoni u l-kontroll, sinjalatur jew indikatur li dak is-simbolu jidentifika.

2.29. "Spazju komuni" tfisser żona li fuqha jistgħu jintwerew iżjed minn sinjalatur, indikatur, simbolu tal-identifikazzjoni, jew messaġġ wieħed ieħor, iżda mhux fl-istess ħin.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-kontrolli mħaddma mis-sewwieq għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu.

3.2. Għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li jissemmew hawn taħt, fi tliet kopji, u mill-partikolaritajiet li ġejjin:

3.2.1. Tpinġijiet, fuq skala xierqa, u b'biżżejjed dettall tal-partijiet tal-vettura li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament huma relatati magħhom u, fejn meħtieġ, tal-vettura nnifisha.

3.3. Vettura rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li trid tkun approvata, għandha tiġi ppreżentata lis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, għall-kontrolli msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan ir-Regolament.

4. APPROVAZZJONI

4.1. Jekk it-tip ta' vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 5. u 6. ta' hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dik it-tip ta' vettura.

4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri tiegħu (bħalissa 00 għar-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-iktar emendi tekniċi imortanti riċenti li saru lir-Regolament meta nħarġet l-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

4.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tar-rifjut tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u permezz ta' tpinġijiet u dijagrammi pprovduti mill-applikant għall-approvazzjoni, f'format mhux akbar minn A4 (210 x 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala xierqa.

4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, b'mod li jolqot l-għajn u f'post faċilment aċċessibbli speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali li tikkonsisti fi:

4.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([1]);

4.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit b'ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat, skont Regolament wieħed jew aktar annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1 ma hemmx għalfejn jiġi ripetut; f'każ bħal dan, ir-Regolament u n-numri ta' approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skonthom tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq in-naħa tal-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.

4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun faċilment aċċessibbli.

4.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti ta' marki tal-approvazzjoni.

5. REKWIŻITI

5.1. Ġenerali

Vettura, jekk mgħammra b'kontroll, sinjalatur jew indikatur identifikat fit-Tabella 1, għandha tkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-pożizzjoni, identifikazzjoni, tħaddim, illuminazzjoni u kulur ta' dak il-kontroll, sinjalatur jew indikatur.

Għal funzjonijiet li għalihom l-ebda simbolu ma jkun disponibbli fit-Tabella 1, il-manifattur jista' juża simbolu skont l-istandards xierqa. Meta l-ebda simbolu ma jkun disponibbli, il-manifattur jista' juża simbolu li joħloq hu stess. Dan is-simbolu m'għandu jikkawża ebda konfużjoni ma' xi simbolu speċifikat fit-Tabella 1.

5.2. Pożizzjoni

5.2.1. Il-kontrolli, elenkati fit-Tabella 1, għandhom ikunu pożizzjonati b'mod li jistgħu jitħaddmu u jintlaħqu mis-sewwieq meta dan ikun bilqiegħda fil-pożizzjoni tas-sewqan. Il-kontrolli għal "Ċowk Manwali" u "Valv Manwali tal-Għeluq tat-Tank tal-Fjuwil" għandhom ikunu pożizzjonati b'mod li jkunu jistgħu jitħaddmu u jintlaħqu missewwieq meta dan ikun bilqiegħda.

5.2.2. Is-sinjalaturi u l-indikaturi elenkati fit-Tabella 1, u s-simboli ta' identifikazzjoni tagħhom għandhom ikunu pożizzjonati b'mod li jkunu viżibbli għas-sewwieq meta dan ikun bilqiegħda fil-pożizzjoni tas-sewqan, waqt is-sewqan kemm binhar u billejl. Is-sinjalaturi, indikaturi u simboli ta' identifikazzjoni tagħhom ma għandhomx għalfejn ikunu viżibbli meta ma jkunux attivati.

5.2.3. Is-simboli ta' identifikazzjoni għall-kontrolli, sinjalaturi u indikaturi għandhom jitqiegħdu fuq jew maġenb il-kontrolli, is-sinjalaturi u l-indikaturi li huma jidentifikaw ħlief kif provdut fil-paragrafu 5.2.5. ta' hawn taħt.

5.2.4. Il-kontrolli għal fanali ta' twissija ta' periklu, fanali ta' quddiem b'raġġ tal-passaġġ jew raġġ tas-sewqan, indikaturi tad-direzzjoni, fanali tat-twaqqif tal-magna supplementari, apparati ta' twissija akustika, fanali tal-brejkijiet u tal-klaċċ għandhom ikunu dejjem aċċessibbli għas-sewwieq bħala l-funzjoni ewlenija tal-kontroll korrispondenti mingħajr ma s-sewwieq ikollu jitlaq idejh minn fuq il-manku rispettiv.

5.2.5. Il-paragrafu 5.2.3. ta' hawn fuq ma japplikax għal kontrolli multifunzjonali, jekk il-kontroll ikun assoċjat ma' displej b'diversi funzjonijiet (multitask) li:

5.2.5.1. Huwa viżibbli għas-sewwieq, u

([1]) In-numri ta' distinzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tal-1958 qed jerġgħu jingħataw fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.2/Amend.3.

5.2.5.2. Jidentifika l-kontroll li huwa assoċjati miegħu, u

5.2.5.3. Jidentifika s-sistemi kollha tal-vettura li l-kontroll tagħhom huwa possibbli mill-kontroll multifunzjonali. Is-sottofunzjonijiet ta' dawk is-sistemi ma għandhomx għalfejn jintwerew fuq is-saff ta' fuq tad-displej b'diversi funzjonijiet, u

5.2.5.4. Ma jurix is-sinjalturi elenkati fit-Tabella 1.

5.3. Identifikazzjoni

5.3.1. Kull kontroll, sinjalatur jew indikatur elenkat fit-Tabella 1, għandu jiġi identifikat permezz tas-simbolu speċifikat rilevanti.

5.3.2. Simboli, kliem jew abbrevjazzjonijiet supplimentari jistgħu jintużaw fid-diskrezzjoni tal-manifattur flimkien ma' kwalunkwe simbolu, kelma jew abbrevjazzjoni speċifikati fit-Tabella 1.

5.3.3. Kull simbolu, kelma jew abbrevjazzjoni addizzjonali jew supplimentari użat mill-manifattur m'għandu jikkawża ebda konfużjoni ma' xi simbolu speċifikat f'dan ir-Regolament.

5.3.4. Meta kontroll, indikatur jew sinjalatur għall-istess funzjoni jiġu kkombinati, jista' jintuża simbolu wieħed biex jidentifika din il-kombinazzjoni.

5.3.5. Is-simboli ta' identifikazzjoni kollha għal sinjalaturi, indikaturi u kontrolli provduti fuq il-manubriju jew il-grupp tal-istrumenti għandhom ikunu pożizzjonati b'mod li s-sewwieq dejjem jarahom weqfin ħlief is-simbolu ta' kontroll ta' apparat ta' twissija akustika. Għal kontrolli li jduru li jkollhom pożizzjoni "mitfi", dan ir-rekwiżit japplika għall-kontroll fil-pożizzjoni "mitfi".

5.3.6. Meta installat, kull kontroll li jirregola funzjoni tas-sistema fuq medda kontinwa għandu jkollu identifikazzjoni provduta għal-limiti tal-medda tal-aġġustament tal-funzjonijiet.

5.4. Illuminazzjoni

5.4.1. Skont l-għażla tal-manifattur, kalunkwe kontroll, indikatur u s-simboli ta' identifikazzjoni rispettivi tagħhom jista' jiġi illuminat.

5.4.2. Is-sinjaltur għandu jixgħel meta sseħħ il-ħsara jew il-kundizzjoni tal-vettura li huwa maħsub biex jindika. Dan ma għandu jixgħel f'ebda ħin ieħor, ħlief waqt il-verifika tal-bozza.

5.5. Kulur

5.5.1. Il-kulur tad-dawl ta' kull sinjalatur għandu jkun kif speċifikat fit-Tabella 1.

5.5.2. Il-kulur ta' sinjalaturi mhux elenkati fit-Tabella 1 jista' jiġi magħżul mill-manifattur skont il-paragrafu 5.5.3 ta' hawn taħt. Il-kulur magħżul m'għandu jaħbi jew ifixkel l-identifikazzjoni ta' ebda sinjalatur, kontroll jew indikatur speċifikat fit-Tabella 1.

5.5.3. Il-kuluri huma rrakkomandati skont il-kodiċi tal-kulur li ġej:

5.5.3.1. Aħmar: il-periklu għall-persuni jew ħsara serja ħafna għat-tagħmir huwa immedjat jew imminenti;

5.5.3.2. Ambra (isfar): attenzjoni, 'il barra mil-limiti tat-tħaddim normali, ħsara fis-sistema tal-vettura, periklu ta' ħsara lill-vettura, jew xi kundizzjoni oħra li tista' tipproduċi periklu maż-żmien;

5.5.3.3. Aħdar: sikur, kundizzjoni tat-thaddim normali (ħlief jekk blu jew ambra jkun meħtieġ skont it-Tabella 1).

5.5.4. Kull simbolu li jintuża għall-identifikazzjoni ta' sinjalatur, kontroll jew indikatur għandu jkun ta' kulur li jispikka b'mod ċar fuq l-isfond.

5.5.5. Il-parti mimlija ta' kwalunkwe simbolu tista' tiġi sostitwita bil-profil estern tiegħu u l-profil estern ta' kwalunkwe simbolu jista' jiġi mimli.

5.6. Spazju komuni għall-wiri ta' messaġġi multipli

Jista' jintuża spazju komuni biex tintwera informazzjoni minn kwalunkwe sors, suġġett għal dawn ir-rekwiżiti:

5.6.1. Is-sinjalaturi u l-indikaturi li jidhru fl-ispazju komuni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5.3, 5.4 u 5.5 ta' hawn fuq u għandhom jixegħlu malli tibda sseħħ il-kundizzjoni li huma maħsuba biex jidentifikaw.

5.6.2. Is-sinjaltur u l-indikaturi li huma elenkati fit-Tabella 1 u li jidhru fl-ispazju komuni għandhom jixegħlu malli tibda sseħħ kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet ta' hawn taħt.

5.6.3. Ħlief kif provdut fil-paragrafi 5.6.4, 5.6.5 u 5.6.6 ta' hawn taħt, meta sseħħ il-kundizzjoni għall-attwazzjoni ta' żewġ sinjalaturi jew iktar, l-informazzjoni għandha tiġi jew:

(a) Ripetuta awtomatikament f'sekwenza, jew

(b) Indikata b'mezz viżibbli u li tista' tintgħażel biex is-sewwieq jaraha meta jkun bilqiegħda fil-pożizzjoni tas-sewqan.

5.6.4. Is-sinjalaturi għall-ħsara fis-sistema tal-brejkijiet, ir-raġġ tas-sewqan tal-fanal ta' quddiem u l-indikatur tad-direzzjoni m'għandhomx jintwerew fl-istess spazju komuni.

5.6.5. Jekk isseħħ il-kundizzjoni għall-attivazzjoni ta' dawn is-sinjalaturi: ħsara fis-sistema tal-brejkijiet, ir-raġġ tas-sewqan tal-fanal ta' quddiem u l-indikatur tad-direzzjoni li jkunu jidhru fuq spazju komuni ma' sinjalaturi oħra, dawn għandu jkollhom prijorità fuq kull ħaġa oħra fl-ispazju komuni.

5.6.6. L-informazzjoni murija fl-ispazju komuni tista' tkun titħassar awtomatikament jew mis-sewwieq, ħlief is-sinjalaturi tal-ħsara fis-sistema tal-brejkijiet, ir-raġġ tas-sewqan tal-fanal ta' quddiem, l-indikatur tad-direzzjoni u dawk li għalihom il-kulur aħmar huwa meħtieġ skont it-Tabella 1 ma għandhiex tkun tista' titħassar, jekk iseħħ il-kundizzjoni għall-attivazzjoni tagħhom.

6. MODIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP TA' VETTURA

6.1. Kull modifikazzjoni tat-tip ta' vettura għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip ta' vettura. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip imbagħad tista' jew:

6.1.1. Tqis li l-modifikazzjonijiet magħmula mhux probabbli li jkollhom effett ħażin apprezzabbli u li, fi kwalunkwe każ, il-vettura għadha konformi mar-rekwiżiti; jew

6.1.2. Tesiġi li jsir rapport tat-testijiet ieħor mis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

6.2. Il-konferma jew ir-rifjut tal-approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati t-tibdiliet, għandha tiġi kkomunikata skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

7. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

7.1. Kull vettura li jkollha marka tal-approvazzjoni kif preskritt skont dan ir-Regolament għandha tikkonforma mat-tip ta' vettura approvat, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontrolli mhaddma mis-sewwieq.

7.2. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità kif preskritt fil-paragrafu 7.1 ta' hawn fuq, għandhom isiru numru suffiċjenti ta' kontrolli aleatorji fuq vetturi manifatturati f'serje li jkollhom il-marka tal-approvazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament.

8. PENALIGĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

8.1. L-approvazzjoni mogħtija fil-każ ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 7.1 ta' hawn fuq, jew jekk il-vettura jew vetturi magħżula ma jgħaddux mit-testijiet preskritti fil-paragrafu 7.2 ta' hawn fuq.

8.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, din għandha minnufih tavża b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li fl-aħħar tagħha jkollha, f'ittri kbar, l-annotazzjoni "APPROVAZZJONI RTIRATA" ffirmata u datata.

9. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għalkollox il-manifattura ta' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, huwa għandu jgħarraf b'dan lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat l-approvazzjoni. Meta tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-Awtorità għandha tgħarraf b'dan lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, u dan permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li jkollha miktub fl-aħħar tagħha, b'ittri kbar, l-annotazzjoni "PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX" iffirmata u datata.

10. ISMIJIET U INDIRIZZI TA' SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI, U TAL-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

Il-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew rifjut jew irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

*Tabella 1*

**Simboli li jidentifikaw il-kontrolli, sinjalaturi u indikaturi**

| Nru. | Element | Simbolu | Funzjoni | Pożizzjoni | Kulur | Definizzjoni | Tħaddim |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Kontroll tat-twaqqif tal-magna supple-mentari<br>(MITFI) |  | Kontroll | Pożizzjonat fuq il-manubriji: tan-naħa tal-lemin | | | Bħala mezz tat-twaqqif tal-magna, u b'al-ternattiva għall-iswiċċ prinċipali jew għall-kontroll b'valv ta' dekompressjoni, il-vet-tura tista' tkun mgħammra b'kontroll ta' qtugħ awtomatiku (cut-out) tal-provvista tal-enerġija elettrika tal-magna (twaqqif tal-magna supplimentari). |
| 2. | Kontroll tat-twaqqif tal-magna supple-mentari<br>(ATTIVAT) |  | | | | | |
| 3. | Swiċċ tat-tqabbid | | Kontroll | | | L-apparat li jippermetti lill-magna li taħdem, u li jista' wkoll jippermetti t-tħaddim ta' sistemi elettriċi oħra fuq vettura. | Fil-każ ta' swiċċ li jdur, id-direzzjoni tal-moviment għandha tkun favur l-arloġġ meta jiddawwar mill-pożizzjoni "mitfi" għall-pożizzjoni tat-tqabbid "mixgħul". |
| 4. | Starter Elettriku |  | Kontroll | | | | |
| 5. | Ċowk Manwali |  | Kontroll | Il-kontroll m'għandux għalfejn ikun viżibbli mill-pożizzjoni tas-sewwieq | | | |
| | | | Sinjalatur | | Ambra | | |
| 6. | Newtrali<br>(Għażla tal-Gerboks) | N | Sinjalatur | | Aħdar | | Dan is-sinjalatur jixgħel meta tas-selettur tal-gerijiet ikun fil-pożizzjoni newtrali. |

| Nru. | Element | Simbolu | Funzjoni | Pożizzjoni | Kulur | Definizzjoni | Tħaddim |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7. | Valv Manwali tal-Għeluq tat-Tank tal-Fjuwil<br>(MITFI) | ● | Kontroll | Il-kontroll m'għandux għalfejn ikun viżibbli mill-pożizzjoni tas-sewwieq | | | Il-kontroll għandu jkollu pożizzjonijiet pożittivi separati għal "MITFI", "MIXGĦUL" u "RIŻERVA" (meta tingħata provvista riżerva). |
| 8. | Valv Manwali tal-Għeluq tat-Tank tal-Fjuwil<br>(MIXGĦUL) |  | | | | | Il-kontroll għandu jkun fil-pożizzjoni MIXGĦUL meta jkun f'direzzjoni 'l isfel mill-fluss tal-fjuwil bejn it-tank u l-magna: fil-pożizzjoni MITFI meta jkun f'direzzjoni perpendikulari mal-fluss tal-fjuwil, u fil-pożizzjoni RIŻERVA (fejn ikun applikabbli) meta jkun fid-direzzjoni 'l fuq mill-fluss tal-fjuwil. |
| 9. | Valv Manwali tal-Għeluq tat-Tank tal-Fjuwil<br>(RIŻ) |  | | | | | Fil-każ ta' sistema li fiha l-fluss tal-fjuwil jiġi mwaqqaf meta l-magna tintefa, u jekk din tkun mgħammra b'kontroll, is-simboli u l-pożizzjonijiet tal-kontroll għandhom ikunu l-istess bħal dawk indikati għal Valv Manwali tal-Għeluq tat-Tank tal-Fjuwil. |
| 10. | Spidometru | | Indikatur | | | | Id-displej għandu jixgħel kull meta l-fanal tal-pożizzjoni (jekk disponibbli) jew il-fanal ta' quddiem jiġi attivat. |
| 11. | Apparat ta' twissija akustika (ħorn) |  | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug għall-vetturi b'kontroll tal-għażla tal-gerijiet li jitħaddem indipendentement minn klaċċ manwali jew għall-vetturi mingħajr kontroll tal-għażla tal-gerijiet.<br>Alternattivament, fuq il-manubriji: tan-naħa tal-lemin għall-vetturi b'kontroll tal-għażla tal-gerijiet pożizzjonat fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug u li jitħaddem flimkien ma' klaċċ manwali. | | | Jiġi attivat permezz ta' għafsa. |

| Nru. | Element | Simbolu | Funzjoni | Pożizzjoni | Kulur | Definizzjoni | Tħaddim |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | Raġġ tas-sewqan (Raġġ prinċipali, għoli jew ta' fuq — Main, high or upper beam) — (Hi) |  | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug għall-vetturi b'kontroll tal-għażla tal-gerijiet li jitħaddem indipendentement minn klaċċ manwali jew għall-vetturi mingħajr kontroll tal-għażla tal-gerijiet. Alternattivament, fuq il-manubriji: tan-naħa tal-lemin għall-vetturi b'kontroll tal-għażla tal-gerijiet pożizzjonat fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug u li jitħaddem flimkien ma' klaċċ manwali. | | | |
| | | | Sinjalatur | | Blu | | |
| 13. | Raġġ tal-passaġġ ('l isfel, baxx jew ta' taħt — Dipped, low or lower Beam) — (Lo) |  | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug għall-vetturi b'kontroll tal-għażla tal-gerijiet li jitħaddem indipendentement minn klaċċ manwali jew għall-vetturi mingħajr kontroll tal-għażla tal-gerijiet. Alternattivament, fuq il-manubriji: tan-naħa tal-lemin għall-vetturi b'kontroll tal-għażla tal-gerijiet pożizzjonat fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug u li jitħaddem flimkien ma' klaċċ manwali. | | | |
| | | | Sinjalatur | | Aħdar | | |
| 14. | Apparat ta' twissija ottika | | Kontroll | Maġenb il-Kontroll tar-Raġġ tas-Sewqan/tar-Raġġ tal-Passaġġ. | | | Jista' jkun funzjoni addizzjonali tal-Kontroll tar-Raġġ tas-Sewqan/tar-Raġġ tal-Passaġġ. Meta l-kontroll jiġi rilaxxat, ir-raġġ għandu jmur lura għall-istat preċedenti. |

| Nru. | Element | Simbolu | Funzjoni | Pożizzjoni | Kulur | Definizzjoni | Tħaddim |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | Fanali ta' kontra ċ-ċpar — ta' quddiem |  | Kontroll | | | | |
| | | | Sinjalatur | | Aħdar | | |
| 16. | Fanali ta' kontra ċ-ċpar — ta' wara |  | Kontroll | | | | |
| | | | Sinjalatur | | Ambra | | |
| 17. | Indikaturi tad-direzzjoni |  | Kontroll | Il-kontroll(i) għandu/għandhom jiġu pożizzjonati fuq il-manubriju, fejn is-sewwieq ikun jista' jaraħom ċar, u għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar. | | | Il-kontroll għandu jkun iddisinjat b'tali mod li, kif jidher mid-direzzjoni tas-sit tas-sewwieq, it-tħaddim tal-porzjon tax-xellug jew il-moviment lejn ix-xellug tal-kontroll jattwa l-indikaturi tan-naħa tax-xellug, u viċi versa għall-indikaturi tan-naħa tal-lemin. |
| | | | Sinjalatur | | Aħdar | | Il-par vleġeġ huwa simbolu wieħed. Manadkollu, meta l-kontrolli jew is-sinjalaturi għal tidwir fuq ix-xellug jew fuq il-lemin jitħaddmu indipentement, iż-żewġ vleġeġ jistgħu jitqiesu simboli separati u allura jkun hemm spazju bejniethom. |
| 18. | Sinjal ta' twissija ta' periklu |  | Kontroll | | | | |

| Nru. | Element | Simbolu | Funzjoni | Pożizzjoni | Kulur | Definizzjoni | Tħaddim |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Sinjalatur | | Aħmar | Rappreżentat jew mill-indikatur tad-direzzjoni u s-sinjalatur(i) jteptpu (fl-istess ħin), jew mis-simbolu ta' trijangolu rispettiv. | |
| | |  | Sinjalatur | | Aħdar | | |
| 19. | Fanal tal-pożizzjoni |  | Kontroll | | | Rappreżentat mis-simboli rispettivi għal fanali tal-pożizzjoni, kontroll tal-fanal prinċipali u fanal tal-ipparkjar iżda jekk il-fanali kollha jinxteghlu awtomatikament meta l-vettura tkun qed taħdem, ma jkun jeħtieġ li jidher ebda simbolu tal-fanali tal-pożizzjoni jew tal-kontroll tal-fanal prinċipali. | Fil-każ ta' swiċċ li jdur, id-dawrien tas-swiċċ favur l-arloġġ għandu jħaddem, l-ewwel il-fanali tal-pożizzjoni tal-vettura mbagħad il-fanali prinċipali tal-vettura. Dan m'għandux jipprevjeni l-inklużjoni ta' swiċċijiet tal-pożizzjoni addizzjonali, sakemm dawn ikunu indikati b'mod ċar. |
| | | | Sinjalatur | | Aħdar | | |
| 20. | Fanal prinċipali |  | Kontroll | | Aħdar | | |
| | | | Sinjalatur | | | Il-funzjoni tas-sinjalatur tista' tiġi provduta permezz tal-illuminazzjoni tal-grupp tal-istrumenti. | Is-swiċċ ta' kontroll tad-dawl jista' jiġi kkombinat mal-iswiċċ tat-tqabbid, jekk dan ikun mixtieq. |
| 21. | Fanal tal-Ipparkjar |  | Kontroll | | | | |

| Nru. | Element | Simbolu | Funzjoni | Pożizzjoni | Kulur | Definizzjoni | Tħaddim |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Sinjalatur | | Aħdar | Jekk il-funzjoni tal-Fanal tal-Ipparkjar tkun inkorporata fl-iswiċċ tat-tqabbid, l-identifikazzjoni hija fakultattiva. | |
| 22. | Indikatur tal-Fjuwil |  | Indikatur | | | | |
| | | | Sinjalatur | | Ambra | | |
| 23. | Temperatura tal-likwidu li jkessaħ il-magna |  | Indikatur | | | | |
| | | | Sinjalatur | | Aħmar | | |
| 24. | Iċċarġjar Elettriku |  | Indikatur | | | | |
| | | | Sinjalatur | | Aħmar | | |
| 25. | Żejt tal-Magna |  | Indikatur | | | | |
| | | | Sinjalatur | | Aħmar | | |

| Nru. | Element | Simbolu | Funzjoni | Pożizzjoni | Kulur | Definizzjoni | Tħaddim |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 26. | Kontroll tal-Veloċità tal-Magna | | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tal-lemin | | | Kontroll bl-idejn. It-Tidwir tal-Manku f'direzzjoni Kontra l-Arloġġ iżid il-veloċità ta' rotazzjoni. Il-kontroll għandu jillokkja awtomatikament fid-direzzjoni favur l-arloġġ wara li jintelaq mill-idejn, sakemm ma jiġix attivat apparat ta' kontroll tal-veloċità tal-vettura. |
| 27. | Brejk tar-rota ta' quddiem | | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tal-lemin, ta' quddiem | | | Liver tal-idejn<br>Il-brejk tar-rota ta' quddiem jista' jitħaddem mal-brejk tar-rota ta' wara fil-każ ta' sistema ta' brejkijiet kombinati. |
| 28. | Kontroll bis-sieq tal-brejkijiet tar-rota ta' wara | | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tal-lemin | | | Pedala<br>Il-brejk tar-rota ta' wara jista' jitħaddem mal-brejk tar-rota ta' quddiem fil-każ ta' sistema ta' brejkijiet kombinati. |
| 29. | Kontroll manwali tal-brejkijiet tar-rota ta' wara | | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug, ta' quddiem | | | Liver tal-idejn<br>Mhux permess għal vetturi bi klaċċ manwali<br>Il-brejk tar-rota ta' wara jista' jitħaddem mal-brejk tar-rota ta' quddiem fil-każ ta' sistema ta' brejkijiet kombinati. |
| 30. | Brejk tal-ipparkjar | | Kontroll | | | | Pedala jew liver tal-idejn |
| 31. | Klaċċ | | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug | | | Liver tal-idejn<br>Il-klaċċ jiġi rilaxxat permezz ta' għafsa.<br>Dan m'għandux jipprojbixxi l-użu ta' apparati fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura li jippermettu t-tħaddim tal-klaċċ u tas-selettur tal-gerijiet flimkien. |

| Nru. | Element | Simbolu | Funzjoni | Pożizzjoni | Kulur | Definizzjoni | Tħaddim |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 32. | Selettur bis-saqajn tal-Kontroll Manwali tal-bdil tal-ger | | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug | | | Liver tas-saqajn jew driegħ rocker<br>Iċ-ċaqliq tal-parti ta' quddiem tal-liver tas-saqajn jew tad-driegħ rocker għandu jagħżel il-gerijiet f'sekwenza: iċ-ċaqliq 'il fuq tal-parti ta' quddiem tal-liver itella' l-ger pożizzjoni ogħla u ċ-ċaqliq 'l-isfel tagħha iwaqqa' l-ger pożizzjoni aktar baxxa. Jekk tiġi provduta pożizzjoni "newtrali" pożittiva separata, din għandha tkun fl-ewwel jew fit-tieni pożizzjoni fl-ordni tal-għażla tal-gerijiet (jiġifieri 1-N-2-3-4- … or N-1-2-3-4-…).<br>Alternattivament, għal vetturi b'kapaċità tal-magna ta' inqas minn 200 cc, dawn jistgħu jiġu mgħammra bi trażmissjonijiet b'dawn l-ordnijiet tal-qlib ta' gerijiet:<br>— Ordni rotattiva (jiġifieri N-1-2-3-4-5-N-1.)<br>— Ordni riversa, fejn iċ-ċaqliq tal-parti ta' quddiem tal-liver tas-saqajn jew tad-driegħ rocker għandu jagħżel il-gerijiet f'sekwenza:<br>— iċ-ċaqliq 'il fuq tal-parti ta' quddiem iwaqqa' l-ger pożizzjoni aktar baxxa, u<br>— iċ-ċaqliq "l isfel itella" l-ger pożizzjoni ogħla. |
| 33. | Selettur bl-idejn tal-Kontroll Manwali tal-bdil tal-ger | | Kontroll | Fuq il-manubriji: tan-naħa tax-xellug | | | Jekk il-kontroll isir permezz ta' tidwir tal-manku, it-tidwir kontra l-arloġġ għandu jagħżel sekwenzjalment gerijiet li jagħtu veloċità 'l quddiem dejjem akbar, u bil-kontra għat-tnaqqis tal-veloċità. Jekk tiġi provduta pożizzjoni "newtrali" pożittiva separata, din għandha tkun fl-ewwel jew fit-tieni pożizzjoni fl-ordni tal-għażla tal-gerijiet (jiġifieri N-1-2-3-4- … or 1-N-2-3-4-…). |

| Nru. | Element | Simbolu | Funzjoni | Pożizzjoni | Kulur | Definizzjoni | Tħaddim |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 34. | Ħsara fis-Sistema Antilokk tal-Brejkijiet |  | Sinjalatur | | Ambra | | |
| 35. | Fanal Indikatur ta' Ħsara |  | Sinjalatur | | Ambra | Għandu jintuża biex jindika ħsarat relatati mal-power-train li jistgħu jaffettwaw l-emissjonijiet. | |

*ANNESS 1*

**KOMUNIKAZZJONI**

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))




maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

li tikkonċerna (2): Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni rifjutata

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' kontrolli mħaddma mis-sewwieq skont ir-Regolament Nru 60.

Nru. tal-Approvazzjoni .................................................................... Nru. tal-estensjoni ..................................................................

1. L-isem kummerċjali jew il-marka kummerċjali tal-vettura ....................................................................................................
2. It-tip tal-vettura ..........................................................................................................................................................................
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur ..................................................................................................................................
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur ..............................................................................
5. Deskrizzjoni qasira tal-vettura fir-rigward tal-kontrolli mħaddma mis-sewwieq ............................................................
6. Il-vettura tressqet għall-approvazzjoni fi ....................................................................................................................
7. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni ........................................................................
8. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz ...........................................................................................................
9. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz .......................................................................................................
10. Approvazzjoni mogħtija/rifjutata
11. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura .................................................................................................
12. Post
13. Data
14. Firma
15. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom fuqhom in-numru tal-approvazzjoni muri hawn fuq, huma annessi ma' din il-komunikazzjoni:

    ... tpinġijiet, dijagrammi u pjanijiet tat-tqassim tal-kontrolli mħaddma mis-sewwieq u tal-partijiet tal-vettura meqjusa li huma ta' importanza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

---

(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li jkun ta/estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).

(2) Aqta' fejn ma japplikax.

*ANNESS 2*

**ARRANĠAMENT TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI**

Mudell A

(Ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)




Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq li hija mwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, fir-rigward tal-kontrolli mhaddma mis-sewwieq, ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) skont ir-Regolament Nru. 60 bin-Numru tal-approvazzjoni 002439. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 60 fil-forma oriġinali tiegħu.

Mudell B

(Ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)




Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) skont ir-Regolamenti Nru. 60 u 10. [1]

In-numri tal-approvazzjoni jindikaw li, fid-dati meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 60 ma kienx ġie mmodifikat, u r-Regolament Nru 10 diġà kien jinkludi s-serje tal-emendi 03.

[1] Dan l-aħħar numru qed jingħata biss bħala eżempju.

## RETTIFIKA

### Rettifika tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/24/PESK tal-20 ta' Jannar 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 16 tal-21 ta' Jannar 2014)*

F'paġna 33, l-Anness:

*minflok:* "Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, l-entrata Nru 210 hija sostitwita minn din li ġejja:",

*aqra:* "Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, l-entrata Nru 199 hija sostitwita minn din li ġejja:";

F'paġna 33, l-Anness, it-tabella, l-ewwel kolonna:

*minflok:* "210",

*aqra:* "199.".

---

### Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 699/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar it-tfassil tal-logo komuni li jidentifika l-persuni li joffru prodotti mediċinali lill-pubbliku għall-bejgħ mill-bogħod, u dwar ir-rekwiżiti tekniċi, elettroniċi u kriptografiċi għall-verifika tal-awtentiċità tiegħu

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 184 tal-25 ta' Ġunju 2014)*

F'paġna 6, fl-Artikolu 3, it-tieni paragrafu:

*minflok:* "Il-passaġġ tal-informazzjoni bejn is-siti tal-Internet li huma awtorizzati jew intitolati li jfornu l-prodotti mediċinali lill-pubbliku mill-bogħod permezz tas-servizzi tal-informatika u s-siti fejn jinżammu l-listi nazzjonali għandhom jiġu msakkra b'mezzi xierqa.",

*aqra:* "Il-passaġġ tal-informazzjoni bejn is-siti tal-Internet tal-persuni awtorizzati jew intitolati li jfornu l-prodotti mediċinali lill-pubbliku mill-bogħod permezz tas-servizzi tal-informatika u s-siti fejn jinżammu l-listi nazzjonali għandhom jiġu msakkra b'mezzi xierqa."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT